# 78

*Rivista li toħroġ*
*kull tliet xhur*
*bl-ewwel ħarġa*
*f'April 1986*

*Computer Setting:*
*Ġwann Abela ofm*
*Joseph Magro ofm*

*Stampat:*
*Gozo Press*

*Il-Materjal kollu li jidher huwa Copyright © ta' l-Istitut Franġiskan u ta' l-Edizzjoni TAU, 2006*

## Werrej


- Editorjal . . . . . . . . . . .1
- L-Arti Figurattiva fir-Relazzjonijiet Konventwali bejn Sqallija u Malta . . . . .2
- Madonna Klara t'Assisi u l-Ordni ta' San Damiano (1) . . . . . . . .9
- Assistenza Spiritwali u Unità fl-OFS . . . . . . .12
- Sorijiet Franġiskani, Storja u Spiritwalità 15
- Angelo Clareno Francescano . . . . . .20
- Kotba . . . . . . . . . . .22


*Editorjal*

# IL-MOVIMENT FRANĠISKAN

Il-moviment Franġiskan kien dejjem karatterizzat mill-varjetà ta' espressjonijiet. Għalkemm dawn jistgħu jidhru f'għajnejn x'uħud bħala indikazzjonijiet ta' firdiet fi ħdan l-istess familja reliġjuża, jekk mhux ukoll bħala tradiment ta' l-intenzjonijiet oriġinali ta' San Franġisk, fil-fatt juru dinamiżmu u ħajja li huma uniċi fl-istorja tal-ħajja reliġjuża. L-Ordni Franġiskan baqa' dejjem jixxettel u jiġġedded grazzi għal dawn id-diversi riformi fi ħdanu.

Kull riforma hi bħal fergħa li toħroġ miz-zokk li titwieled minnu. Fil-każ ta' l-Ordni Franġiskan nistgħu ngħidu li z-zokk prinċipali hu baxx ħafna, għax minnu bikri ħarġu almenu żewġ fergħat li tbiegħdu ħafna minn xulxin, imma li t-tnejn esprimew, bil-mod karatteristiku tagħhom, xi aspetti tal-kariżma ta' Franġisk t'Assisi. Fiz-zokk prinċipali nistgħu nqiegħdu lil Franġisku u l-ewwel fraternità tiegħu sat-tieni jew it-tielet ġenerazzjoni ta' patrijiet, bejn wieħed u ieħor sas-1274, is-sena li fiha miet San Bonaventura. Minn hemm 'il quddiem l-Ordni beda jara żewġ tendenzi djametralment opposti; waħda li riedet tesprimi l-kariżma tal-fundatur bħala istituzzjoni kbira fil-Knisja, b'kunventi fil-bliet, knejjes konventwali, ċentri ta' studju, predikazzjoni uffiċjali; l-oħra li riedet tesprimi l-kariżma ta' Franġisku bħala fraternità ispirata għall-bidunett ta' l-Ordni, fl-eremitaġġi, ħajja ta' faqar u sempliċità, predikazzjoni itineranti. Biss, inkunu boloħ jekk naħsbu li ma kien hemm l-ebda kuntatt bejn iż-żewġ tendenzi, u jekk naħsbu, per eżempju, li l-fergħa «zelanti» kienet kontra l-istudji. Imma dan jirrikjedi studju approfondit, li aktar ma wieħed jidħol fil-profondità tiegħu, aktar jirrejalizza kemm hu diffiċli li wieħed ikun kategoriku.

L-istorja Franġiskana hi ċertament kamp immens ta' riċerka li għadha 'l bogħod mit-tmiem tagħha. Illum, ħafna aktar minn qatt qabel, qed jinħass nuqqas ta' studjużi serji ta' storja Franġiskana fil-familji reliġjużi ta' l-I Ordni. Element pożittiv hu li żdiedu l-istudjużi u riċerkaturi storiċi lajċi f'dan il-qasam. Imma l-patrijiet Franġiskani ta' l-I Ordni mhux qed jimpenjaw ruħhom biżżejjed għal approfondiment serju tat-tradizzjoni tagħhom. In-nuqqas ta' għarfien ta' l-għeruq storiċi tagħna jwassal għal telfien ta' l-identità tagħna. Nibdew nagħmlu kollox u nkunu kollox, barra milli nidhru u naħdmu ta' Franġiskani.

Hu f'dan id-dawl li r-rivista ta' kultura «Spirtu u Ħajja» issellem lill-istudjużi Franġiskani, anke fil-kamp lokali, li ħadmu u għadhom jaħdmu għal għarfien xjentifiku u serju tal-kariżma ta' Franġisk t'Assisi. Din is-sena rajna t-telfa ta' żewġ storiċi Franġiskani, P. Franġisk Azzopardi OFMCap, u P. Alexander Bonnici OFMConv. Il-mertu ta' persuni li taw ħajjithom għar-riċerka storika hu li jqajjmu interess f'ħuthom ir-reliġjużi għal għarfien aħjar tal-kariżma Franġiskan. Il-fatt li mhux dejjem naqblu fl-interpretazzjoni storika m'għandniex narawh bħala sinjal ta' firda, imma pjuttost bħala sinjal ta' rieda sinċiera li naslu għall-verità dwar min aħna. Imma dan nistgħu nagħmluh biss jekk nimpenjaw ruħna fl-istudju ta' dak li hu tagħna.

Fr. Noel Muscat ofm

# L-ARTI FIGURATTIVA FIR-RELAZZJONIJIET KONVENTWALI BEJN SQALLIJA U MALTA

*Ġorg Aquilina OFM*

Il-pożizzjoni ġeografika tal-gżejjer Maltin, li huma bogħod biss 80 kilometru minn Sqallija, turi dipendenza naturali fuq din il-gżira kbira. Għal dak li għandu x'jaqsam ma' l-oriġini tal-fidi Kristjana, Malta kellha x-xorti li laqgħet lill-appostlu San Pawl għal tliet xhur, meta hu sofra nawfraġju fuq ix-xtut tal-gżira fis-sena 60 ta' l-era Kristjana. Kien minn Malta li Pawlu telaq lejn Sqallija u mbagħad lejn Ruma. Hawnhekk mhux il-post li noqogħdu nitkellmu fid-dettall dwar fatti li ġew ripetuti bosta drabi. Hu fatt ovvju li ż-żewġ gżejjer qasmu flimkien l-istess destin għal sekli sħaħ, sa mill-bidunett ta' l-istorja. L-attenzjoni tagħna se nwaqqfuha fuq ir-relazzjonijiet ekkleżjastiċi bejn iż-żewġ gżejjer, li ikkontribwew b'mod deċiżiv biex iġibu lil Sqallija u lil Malta dejjem aktar qrib xulxin. Dan il-fatt jidher l-aktar matul is-seklu 15, meta l-Ordnijiet reliġjużi mendikanti bdew jistabilixxu ruħhom fuq il-gżira. Huma kienu kollha jiddependu mis-superjuri provinċjali tagħhom li kienu joqogħdu fi Sqallija. Billi Malta dejjem kienet tipprovdi għajn ta' vokazzjonijiet reliġjużi u saċerdotali, bosta reliġjużi Maltin kienu jimlew il-monasteri u kunventi ta' Sqallija, l-aktar dawk li jinsabu fil-kosta tal-lvant ta' din il-gżira. Dawn ir-reliġjużi Maltin qatt ma nsew lill-gżira li minnha kienu ġew, u għaldaqstant setgħu jissuġġerixxu li jikkummissjonaw opri ta' arti mingħand l-aħjar artisti Sqallin ta' l-epoka, biex bihom iżejnu l-knejjes u l-kunventi f'Malta.

Wara l-esperjenza ta' evanġelizzazzjoni ta' San Pawl kif tiġi deskritta fl-Atti ta' l-Appostli, l-ewwel nota storika ċerta rigward djoċesi f'Malta tirriżulta minn erba' ittri tal-Papa San Girgor I (590-604) dwar żewġ isqfijiet, wieħed jismu Lucillus, li ġie depost fuq ordni mogħti mill-Papa lill-isqof Giovanni ta' Siracusa, u l-ieħor is-suċċessur tiegħu Traianus li, flimkien ma' xi isqfijiet oħrajn minn Sqallija, waqa' taħt suspett rigward l-amministrazzjoni tal-patrimonju tal-Knisja ta' Ruma. Dawn il-fatt jimmarkaw biss il-bidu ta' l-istorja tad-djoċesi ta' Malta, li l-ewwel kienet sede suffraganja tad-djoċesi ta' Siracusa u mbagħad ta' dik ta' Palermo, bl-isqfijiet Maltin li kważi dejjem kienu joqogħu Sqallija. Bħala konsegwenza l-kleru Malti kien jirċievi s-sagrament ta' l-ordni sagri minn diversi isqfijiet titulari jew djoċesani fi Sqallija.[1]

F'dan l-istudju mhijiex intenzjoni tiegħi li nipprovdi sintesi ta' studju li jiena diġà ippreżentajt f'pubblikazzjoni reċenti, li tkopri perjodu storiku ta' aktar minn elf sena, mill-416 sa l-1479, u li hi l-frott ta' riċerka u studju profond ta' ħmistax-il sena fl-arkivji Vatikani.[2] F'din l-analisi storika wieħed jara kif ir-relazzjonijiet ekkleżjastiċi bejn iż-żewġ gżejjer huma minsuġin flimkien, u xi kultant jiffurmaw entità waħda, magħrufa bl-isem «Insula Siciliae et insulis adiacentibus» (il-gżira ta' Sqallija u l-gżejjer qrib tagħha). Għandna pjuttost nagħtu aktar importanza lill-aħħar nofs tas-seklu 15, meta l-materjali dokumentarju jibda jkun aktar abbondanti. Dawn id-dokumenti jitkellmu minn benefiċċji u mit-twaqqif ta' Ordnijiet reliġjużi, permezz tal-fundazzjoni ta' knejjes, kappelli u parroċċi.

Waħda mill-ewwel mistoqsijiet li rridu nippruvaw inwieġbu għandha x'taqsam mar-raġuni għaliex l-Ordnijiet reliġjużi damu biex stabilixxew ruħhom f'Malta. B'dan il-mod toħroġ l-importanza li nfittxu għal opri ta' arti figurattiva fil-knejjes u kunventi qabel dan il-perjodu. In-noti storiċi li għandna rigward iż-żmien li jiġi qabel is-seklu 15 għandhom x'jaqsmu ma' patrijiet individwali, li normalment jissejħu sempliċement li kienu ġejjin «de Malta». Fl-opinjoni tagħna dan ma jindikax neċessarjament li kienu saru xi tentattivi minn patrijiet Sqallin biex jinġiebu vokazzjonijiet reliġjużi minn Malta, imma pjuttost li bosta Maltin kellhom residenza oħra fi Sqallija. Qabel dan il-perjodu l-maġġoranza tal-membri tal-kapitlu tal-kattidral ta' Malta kienu jgħixu f'Catania, Siracusa u Lentini,[3] kif kienu jgħixu wkoll il-parti l-kbira tan-nobbli Maltin fi Sqallija.[4] Kien minn din il-klassi ta' ekkleżjastiċi Maltin li nsibu personaġġi bħal Frate Henricus de Malta (1274), li kien raħeb Benedittin; l-isqof Franġiskan Jacobus de Malta (1346-56); il-patrijiet Agostinjani Frater Franciscus de Malta (1372) u Frater Johannes de Malta, li fl-1356 kien jgħix fil-kunvent ta' Catania. Dawn il-persunaġġi u ismijiet oħrajn li nafu bihom, mhux neċessarjament jindikaw li l-Ordnijiet reliġjużi tagħhom kienu preżenti f'Malta. Id-dokumenti li għandna f'idejna f'dan l-istadju jistgħu jgħinuna biex niddataw, bla ebda dubju, il-miġja tal-patrijiet Agostinjani fl-1413; il-patrijiet Karmelitani ta' l-Osservanza stabilixxew ruħhom hawn madwar l-1441;[5] id-Dumnikani «de observancia»[6] fl-1450;[7] il-Franġiskani Osservanti, wara diversi tentattivi li spiċċaw fix-xejn, flimkien mal-Franġiskani

Konventwali stabilixxew ruħhom f'Malta fl-1494;[8] il-monaċi Benedittini ta' San Niccolò l'Arena ta' Catania, għalkemm kienu wirtu patrimonju immens (1363) bl-iskop preċiż li jwaqqfu monasteru, qatt ma rifsu Malta jekk mhux biex jiġbru d-dħul abbondanti tagħhom.[9] Iż-żewġ monasteri femminili tal-Benedittini, dak ta' Santa Skolastika u dak ta' San Pietru, twaqqfu f'Malta fl-1443 u l-1455 rispettivament.[10] Għaldaqstant hu leġittimu li nfittxu r-raġuni għaliex l-Ordnijiet reliġjużi stabilixxew ruħhom hekk tard b'mod permanenti fil-gżejjer Maltin, u għaliex ġew kollha flimkien fi żmien relattivament qasir. Hu dmir tagħna wkoll li ninkludu l-preżenza ta' l-Ordni ta' San Ġwann f'Malta mill-1530, billi dan ukoll hu Ordni reliġjuż, bil-knejjes u l-monasteri tiegħu, li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni assoluta tal-Gran Mastru. Fil-fatt, bosta kavallieri kienu patruni li akkwistaw diversi opri ta' arti tul il-perjodu barokk.



*Antonio Catalano (il Vecchio), Vizitazzjoni tal-BVM (1600), Knisja S. Marija ta' Gesù, Valletta*

Biex insibu r-raġuni għal dan it-twaqqif hekk tardiv ta' Ordnijiet reliġjużi f'Malta aħna ma nistgħu sempliċement nibbażaw ir-raġunament tagħna fuq is-suppożizzjoni sempliċi tal-periklu veru li kien hemm li wieħed jaqsam bejn iż-żewġ gżejjer,[11] li kif nafu, kien dejjem miżgħud bil-periklu tal-korsari.[12] Irridu wkoll nikkonċentraw l-attenzjoni tagħna fuq il-ġrajjiet politiċi ta' dan il-perjodu. Fil-fatt, is-sovrani il-Katalani-Aragoniżi kienu jagħtu s-support tagħhom b'kull mod għall-espansjoni ta' l-«Osservanti» fit-territorji tagħhom. Esponenti kbar ta' dan il-moviment, bħalma kien il-Beatu Franġiskan Matteo Giumarra da Agrigento, ħadu l-okkażjoni ta' din il-politika favorevoli biex jespandu r-riforma, li huma kienu qed jippromwovu. Min-naħa tagħha l-kuruna kienet iġġib 'il quddiem u tmexxi l-moviment ta' riforma bħala mezz meħtieġ biex issostni l-politika rjali tagħha fid-diversi bliet u saltniet, partikolarment dawk fejn l-interessi merkantili u t-tensjonijiet soċjali u ekonomiċi kienu l-aktar ħajjin;[13] u għaldaqstant mhux biss minħabba l-«Apostolica Secretia».

It-twaqqif ta' l-ewwel kunventi f'Malta jidħol fil-qafas politiku tar-renju ta' Sqallija, li kien juri lilu nnifsu bħala promutur ħerqan tal-moviment ta' l-Osservanza bl-iskop li jikkonsolida l-eġenomija politika tiegħu. Bħala eżempju nistgħu nikkwotaw l-ewwel tentattiv fl-1482[14] biex jitwaqqaf il-kunvent Franġiskan Osservanti fir-Rabat ta' Notabile, tentattiv li kien ġej direttament mill-«Università» bħala istituzzjoni li kellha timplementa l-politika tal-viċire. Il-kunvent, fil-fatt, twaqqaf fl-1494,[15] din id-darba wkoll bl-intervent tal-«Jurati civitatis et insule Melevitanae». L-istess nistgħu ngħidu rigward it-twaqqif tal-kunvent Franġiskan fil-gżira ta' Għawdex fl-1489, li inbena bil-«proviso dominij Viceregis».[16] Fit-22 ta' Mejju 1507, ir-Re Ferdinandu «Utriusque Siciliae», b'digriet irjali eżenta lill-patrijiet milli jħallsu erbatax «oncie» fis-sena «pro pretio datij duarum peciarum panni (…) pro vestitu fratrum»[17] (għall-prezz ta' żewġ pezez drapp għall-ilbies tal-patrijiet).

Aktar tard, fl-24 ta' Ottubru 1533, il-patrijiet ingħataw ukoll l-eżenzjoni «per loro usu et subsidio et subvencioni de dicti poviri frati, et prout solitum est non li molestiriti (…) per quanto la gratia di Sua Maestà Cesarea tenj cara (…)»[18] (għall-użu u l-għajnuna u s-sostenn ta' dawn l-imsemmija patrijiet foqra, u sabiex dawn ma jiġux imxekklin, minħabba l-għożża li turi lejhom il-grazzja tal-Majestà Cesarea).

B'dan il-mod, mill-medjuevu tardiv sa l-ewwel għaxar snin tas-seklu 19, ir-reliġjużi Maltin, li kienu numerużi, inklużi dawk li kienu joqogħdu fil-kunventi ta' Malta, kellhom jiddependu f'kollox mis-superjuri regolari jew provinċjali tagħhom fi Sqallija, minkejja l-fatt li kien hemm moviment separatista li kien ħadem għall-awtonomija minn Sqallija sa mis-seklu ta' qabel (1764). Diġà waqt il-fundazzjoni ta' l-ewwel kunvent, il-patrijiet Sqallin kienu regolarment preżenti f'Malta. Fl-1497 insibu lil P. Cherubino da Noto, Gwardjan u Kummissarju Provinċjali li kellu f'idejh il-bini tal-kunvent ta' Santa Marija ta' Ġesù fir-Rabat ta' l-Imdina. L-istess proċedura kienet tintuża sa tmiem is-seklu 18.[20] Minkejja l-arroganza tal-Kavallieri ta' San Ġwann fil-mod kif kienu jitrattaw lill-poplu Malti, li kien imxebba' minħabba li n-nobbiltà tiegħu ftaqret u minħabba t-tmexxija awtokratika tal-Kavallieri, ir-relazzjonijiet bejn iż-żewġ gżejjer ma kienux inbidlu.

Ħarsa ħafifa lejn ir-reġistri ta' amministrazzjoni finanzjarja tad-diversi kunventi turi li dawn ir-relazzjonijiet ma' Sqallija żammew l-istabilità li kienu akkwistaw.[21] Mhux faċli li nqallbu d-dokumenti kollha ta' dawn l-arkivji tar-reliġjużi wieħed wieħed, imma nistgħu almenu nagħtu ħarsa sintetika rigward l-arkivji tal-Patrijiet Minuri, u nagħtu lista tad-diversi opri ta' arti figurattiva li huma l-aktar magħrufin fiż-żewġ knejjes ta' Santa Marija ta' Ġesù tar-Rabat u tal-Belt Valletta. Fl-istess ħin, iżda, hi ħaġa ġusta li nagħtu xi ħjiel rigward l-ewwel kummissjonijiet li twettqu minn reliġjużi oħrajn matul l-ewwel perjodu tal-miġja tagħhom f'dawn il-gżejjer. Bħala eżempji nsemmu lill-Patrijiet Dumnikani, li ikkummissjonaw l-istalli tal-kor fl-injam tal-ġewż u l-pino, bl-isgraffir mill-aħwa Parisio u Pier Antonio Calachura ta' Catania (1482); l-Agostinjani ikkummissjonaw trittiku, il-Verġni tal-Grazzji mal-qaddisin Pawlu u Wistin, attribwit minn Buhagiar lill-istess mgħallem li pitter it-trittiku ta' Santa Maria Latina ta' Agira; u ż-żewġ ikoni għas-Sorijiet Benedittini ta' l-Imdina, «Madonna della Misericordia» minn Giovanni de Saliba da Messina (1496) u polittiku impitter minn Salvo d'Antonio da Messina (1505).[22]

Għall-Patrijiet Minuri l-isem «Santa Marija ta' Ġesù» hu bħal marka partikulari li biha kienu magħrufin il-Franġiskani Osservanti ta' Sqallija,[23] kif diġà innutajna aktar 'il fuq. Malli spiċċaw jibnu l-knisja tar-Rabat il-patrijiet, permezz ta' kuntratt fl-atti tan-nutar Geronimo Mangianti ta' Messina, datat 22 ta' Frar 1503, ikkummissjonaw mingħand Antonello Gagini, «mazonus messinensis», statwa tal-Madonna fl-irħam.[24] Il-pedestall ta' din l-istatwa jġib il-firma u d-data 1504, li llum tinqara bil-ħniena, u li ġiet studjata u deskritta mill-Professur Mario Buhagiar bħala: «one of the most successful of his early works and served as a model for at least one other statue (…).»[25] Fl-istess knisja hemm statwa oħra ta' l-irħam li tirrappreżenta lil Santa Marija Maddalena, li tradizzjonalment kienet tinżamm fil-kunvent, u li hi attribwita lill-bottega tal-Gagini, għalkemm Buhagiar jiddiskreviha bħala «of inferior quality and clearly not a product of his [Antonello's] workshop».[26]

Matul l-ewwel għoxrin sena tat-twaqqif tagħhom il-Patrijiet Minuri tar-Rabat ta' l-Imdina, fis-sena 1515, permezz tal-ħidma tal-prokuratur tagħhom «Joanne Zamit Maltese», ikkummissjonaw mingħand Antonello de Saliba «civis messinensis» ikona (polittiku) għall-prezz ta' 50 «oncie». L-aħħar riċevuta li tagħti l-prezz sħiħ ta' din l-opra ta' arti għadha teżisti: «pro factura et constructione cuiusdam cone per dicto conventu».[27] Din il-pittura tirrappreżenta Depożizzjoni fiċ-ċentru flimkien mal-qaddisin Appostli Pawlu, Antnin ta' Padova, Franġisk u Ludoviku. Pittura oħra għandha fiċ-ċentru l-Madonna bil-Bambin li hi bilqiegħda fuq tron, u l-qaddisin Katerina, Agata, Luċija u Barbara fuq iż-żewġ naħat. Fin-naħa ta' isfel tal-pittura hemm «Salvator mundi» mat-tnax l-Appostli. Dwar dan il-polittiku u l-altar li kien iżejjen illum fadal iż-żewġ pitturi tal-Madonna, u d-deskrizzjoni li joffrilna l-kronista Fra Giovanni Antonio Mercieca fl-1731, meta l-polittiku kien għadu «in situ».[28] Tajjeb li nżidu ngħidu li Antonello u d-dixxendenti tiegħu kellhom ammirazzjoni partikulari lejn l-Osservanti.[29] Ta' l-istess perjodu, fl-1517, kien Kurċifiss li kien inxtara flimkien mal-kumplament tal-wirt imħolli mill-fundatur tal-kunvent, u li hu deskritt f'inventarju bħala «lu crucifixo custau intra noto uncij dudichj et foro li ultimi dinari di la ereditari di lo quondam jacubo chachm. Anno Domini 1517».[30]

Għall-knisja tal-Belt Valletta is-seklu 17 kien perjodu li matulu, wara li ntemm il-bini tal-kappelli tal-ġnub ta' l-istess knisja, u wara li l-paviment kollu ingħata lil diversi familji bħala post ta' dfin, il-patrijiet ħasbu biex jikkummissjonaw mingħand diversi mgħallmin xi opri ta' arti li kellhom valur mhux indifferenti. Hekk, wara li huma reġgħu bnew il-kor, il-patrijiet bidlu l-pittura prinċipali, u flokha ġabu kwadru impitter minn Antonio Catalano [il Vecchio], li jġib il-firma tiegħu u d-data 1600.[31] Aħna ma għandniex l-ebda dokumentazzjoni storika dwar din il-kummissjoni. X'aktarx li l-kwadru tħallas mill-benefattur li l-arma tal-familja tiegħu tidher fil-pittura: dan kien ċertu kavallier li kien jismu Carafa. Hu interessanti li l-pittur ġie mitlub biex idaħħal fost il-persunaġġi tal-Viżitazzjoni,

barra San Franġisk, erba' qaddisin nisa – Agata, Luċija, Barbara u Katerina, l-istess kif hemm fil-polittiku ta' Antonello de Saliba fil-knisja Franġiskana tar-Rabat ta' l-Imdina. «Questo dipinto è uno dei più scenografici del pittore; sia per la presenza di molte figure che per i colori, qui particolarmente brillanti, ma pur sempre trattati con i caratteristici e delicati toni cangianti».[32] Buhagiar għandu l-istess kliem ta' tifħir għal din il-pittura.[33]

Għall-knisja ta' Santa Marija ta' Ġesù tal-Belt Valletta, is-seklu 17 kien ċertament perjodu li fih hi kienet mogħnija b'opri ta' arti li għandhom valur artistiku kbir. Nistgħu nissupponu li l-patrijiet Maltin li kienu joqogħdu f'Palermo kienu mitlubin li jsibu mgħallmin imħarrġin biex iżejnu din il-knisja fil-belt il-ġdida. Hekk, barra mill-pittura li diġà semmejna ta' Catalano, Gasparre Formica da Piacenza pitter «Sacra Famiglia» li ġġib il-firma u d-data 1626. Il-«Guarigione del Padre di Publio» li tirrakkonta l-miraklu wara n-nawfraġju ta' San Pawl f'Malta, opra ta' Pietro Paolo Novelli, hi wkoll datata 1632. Ta' l-istess perjodu hu l-Kurċifiss ta' l-injam, skolpit f'zokk naturali ta' siġra taż-żebbuġ, mill-Beatu Umile Pintorno da Petralia Soprana (il-Kurċifiss mirakoluż ta' Ġieżu).

Il-pittura ta' Novelli ġie kummissjonata għall-kappella ta' San Trofimu, sieħeb San Pawl fil-vjaġġ lejn Ruma. Il-patrijiet kienu taw din il-kappella bħala ġuspatronat lill-istorjografu Malti Fra' Gio. Francesco Abela fl-1627. Is-suġġett ta' din il-pittura hu għal kollox oriġinali.[34] Il-pittura ta' Novelli hi x'aktarx l-inqas waħda li ġiet studjata minn studjużi Sqallin. X'aktarx li l-pittura tħallset minn persuni li akkwistaw id-dritt ta' ġuspatronat fil-kappella: il-familji Abela-Testaferrata-De Robertis. Skond il-kliem tal-kronista fl-1731: «Jcon haec valde laudatur eximij alicuius pictoris eam esse necesse est».[35]

Jidher li Novelli mhux biss għex kontemporanju ma' Umile da Petralia, imma li x'aktarx hu kien ukoll ħabib tal-Franġiskani ta' Sant'Antonino f'Palermo. Skond dak li jikteb P. Pietro Tognoletto, il-bijografu kontemporanju tiegħu, il-patrijiet ta' dan il-kunvent, meta Frate Umile kien qiegħed fuq is-sodda tal-mewt, sejħu lil dan il-pittur minn Monreale biex ipitter ir-ritratt[36] ta' dan il-Fra qaddis, li llum m'għadux jeżisti. Il-pitturi li baqgħu ma għandhomx «those chromatic and light effect characteristics which are typical of the paintings of Novelli».[37] Lilna jinteressana l-fatt li ż-żewġ opri ta' arti, dak ta' Novelli u l-Kurċifiss ta' Frate Umile, jinstabu flimkien fl-istess knisja Franġiskana fil-Belt Valletta. Nafu bil-preżenza ta' patrijiet Maltin f'Palermo matul dan il-perjodu mill-fatt li fl-istess sena 1632 tal-pittura ta' Novelli, ir-reġistri ta' amministrazzjoni tal-kunvent jiddokumentaw ħlas li sar «per una lapide di marmo fatta venire da Palermo per la sepoltura del detto Cavalliere», mingħajr ma jgħidulna min dan il-kavallier kien.[38]

L-attribuzzjoni tal-Kurċifiss lil Frate Umile ġiet innutata mill-kontemporanju, P. Pietro Tognoletto, li jikteb: «Nell'isola di Malta [è] venerato dà quel popolo con grandissima devozione».[39] Ninnutaw ukoll li, meta l-kronista għamel il-lista ta' l-opri ta' arti ta' dan l-imgħallem, hu japplika l-espressjoni «bl-akbar devozzjoni» biss għall-Kurċifiss ta' Malta. Tognoletto kien ukoll missjunarju fi Tripli, u fl-1671 kien Vigarju Apostoliku ta' dik il-missjoni.[40] Skond l-itinerarju solitu tal-missjunarji lejn l-Afrika ta' fuq, hu ċertament waqaf għal ftit żmien fil-port ta' Malta meta kien fi triqtu, u fil-kunvent tal-Belt hu ra b'għajnejh din id-devozzjoni kbira popolari. [41] «In realtà è l'immagine fra le più espressive e indimenticabili del 600 siciliano (…) L'Immagine venerata alla Valletta, mostra il Cristo bello nel volto e tormentato nelle membra dalle sofferenze della Passione; tormentato, ma non sopraffatto sicché traspira nelle fattezze umane il soffio del divino: Uomo e Dio».[42]

Is-saqaf tal-knisja ta' Santa Marija ta' Ġesù fil-Belt Valletta reġa' nbena mill-ġdid fi tmiem is-seklu 17. Il-Gran Mastru Garzes (1597-1601) ikkummissjona u ħallas għall-pittura ta' panew ċentrali fis-saqar, opra ta' artist mhux magħruf. Fl-1707 is-saqaf reġa' ġie dekorat mill-pittur Sqalli Giuseppe Scarlatti[43] flimkien mal-kor, u ma' dekorazzjonijiet figurativi oħrajn, kif jirriżulta mid-deskrizzjoni tal-kronaka ta' l-1731.[44] Illum il-ġurnata ma fadal xejn minn dawn il-pitturi, ħlief framment mill-panew ċentrali li jirrappreżenta l-Annunċjazzjoni.

Xogħolijiet artistiċi oħrajn ġejjin minn Sqallija u li jinsabu fil-knisja Franġiskana tal-Belt, jinkludu statwa ta' l-irħam abjad tal-Madonna ta' Trapani[45] [statwa 67cm, pedestall 22x28cm, b'għoli totali ta' 98cm], li llum tinsab imħarsa fl-Arkivju Provinċjali OFM. Aħna ma għandniex xi dokumenti partikulari dwar din l-opra ta' arti, ħlief li fl-1667, P. Filiberto Peylabere kiseb mingħand il-Provinċjal tiegħu il-permess li jżur is-Santwarju ta' Trapani.[46]

Żewġ mgħallmin Sqallin oriġinali, Turiglio ta' Messina, qabel it-terremot ta' l-1693, u Santucci ta' Siracusa, mit-tieni nofs tas-seklu 18, kienu ġew joqogħdu f'Malta, u għal aktar minn seklu iddominaw dawn il-gżejjer bl-opri ġodda ta' arti tagħhom u bir-restawri ta' opri li kienu diġà jeżistu.[47] Qabel dawn iż-żewġ artisti, diġà fl-1548, id-dokumenti tal-knisja ta' Santa Marija ta' Ġesù ta' l-Imdina jirreġistraw il-preżenza ta' orgni, l-ewwel wieħed wara l-orgni tal-knisja Kattidrali.[48] Fis-26

ta' Ġunju 1614 orgni ġdid ġie kummissjonat għall-knisja tal-Belt Valletta mill-«maestro organaro» Don Giuseppe Barone «Siciliano della Città di Bezini» għall-prezz ta' mitt «oncie». Il-kuntratt hu rikk fid-deskrizzjoni tad-dettalji rigward dan l-istrument mużikali.[49] Turiglio u Santucci kienu familjari mal-patrijiet Franġiskani, kif jirriżulta minn dokumenti ta' arkivju.[50] Pietro Turiglio fl-1753 għamel mill-ġdid orgni ieħor għall-knisja ta' Santa Marija ta' Ġesù tal-Belt Valletta.[51]

Din is-sintesi ħafifa tirrappreżenta biss fil-qosor il-prova ta' kemm ir-reliġjużi Maltin kienu f'kuntatti mill-qrib ma' Sqallija. Dan jiġi affermat minn mindu huma stabilixxew ruħhom fil-gżejjer tagħna lejn nofs is-seklu 15 sa l-ewwel nofs tas-seklu 19, meta ħafna mill-provinċji reliġjużi akkwistaw awtonomija sħiħa mill-provinċja-omm tagħhom fi Sqallija, u l-patrijiet ingħalqu fl-ambjent dejjaq insulari tal-gżejjer tagħna, u kellhom joqogħdu għar-rieda tal-ħakkiema politiċi ġodda ta' dawn il-gżejjer. Fil-knejjes u l-kurriduri tal-kunventi u l-monasteri wieħed jista' jsib pitturi li għandhom ċertu valur artistiku, imma li ġejjin mill-pinzell ta' artisti mhux magħrufin, u normalment jiġu attribwiti bl-espressjoni ġenerika ta' «skola Siciliana jew Napolitana». Fl-inventarji wieħed jista' jsib ukoll listi mingħajr noti partikulari, li jirreferu għall-kummissjoni ta' dawn l-opri ta' arti. Is-seklu 17, u speċjalment is-seklu 18, kienu mumenti ta' tiġdid artistiku skond dan l-istil ġdid, jiġifieri l-barokk, li mela l-gżejjer Maltin b'kull xorta ta' opri ta' arti. Il-gżira ta' Sqallija kienet preżenti f'dan il-perjodu, b'uħud mill-aktar mgħallmin magħrufin tagħha.

Forsi jkun ukoll ta' għajnuna li niftakru li wkoll l-organizzazzjoni ta' Assoċjazzjonijiet, Korporazzjonijiet u Konfraternitajiet bl-oratorji tagħhom, ilkoll juru il-marka ta' Sqallija. Dawn l-organizzazzjonijiet, flimkien ma' l-Ordni ta' San Ġwann u l-familji għonja Maltin, kienu jikkummissjonaw opri ta' arti skond il-qagħda finanzjarja tagħhom. Dawn l-opri artistiċi għadhom jeżistu, bosta drabi, «in situ». Fi studju ieħor, li aħna għandna l-intenzjoni li nippubblikawh dalwaqt, sejrin noffru analiżi aktar profonda tad-dokumentazzjoni ta' opri oħrajn ta' arti minn pitturi u mgħallmin fl-arġenterija, li sa dan il-mument baqgħu misturin u magħluqin fl-arkivji.

## Bibljografija


### MANUSKRITTI

Archivio Arciconfraternita del SS.mo Crocifisso, Valletta

Ms. *Libro dei Conti*: 1788-1824

Archivio della Cattedrale di Malta [=ACM]

Ms. *Miscellanea,* 32A.

Archivio Frati Minori – Malta [=AFM]

Mss. *Atti Originali* [=AO]: I, IV.

Ms. *Cronica duorum Conventuum Sanctae Mariae Jesus.*

Ms. *Historia Chronologica Provinciae Vallis Neeti in Sicilia.*

Ms. *Lettere Circolari*: 1738-1752

Ms. *Liber Propositionum Conventus Vallettae.*

Ms. *Liber Beneficiorum fratris Philiberti Peylabere*

Mss. *Libro esito, Valletta;* 1629-1633;1675-1715

Archivio Notarile, Gozo [=ANG]

Atti Michelangelo Gatt, 31/5, 6 agosto 1828, ff. 158-59.

Archivio Notarile Valletta [=ANV]

Atti Antonio Abela, R1/3, 26 giugno 1614, ff. 225$^{v}$-227$^{v}$.

Atti Pietro Vittore Giammalva, R292/9, 4. xii. 1753, ff. 93$^{v}$-94.

Archivio dell'Ordine di Malta [=AOM, in BNM]

Ms. 627, *Repertorio dai Libri Bullarum*

Ms. 651, *Registro dei Decretidella Camera del Tesoro,*1751

Biblioteca Nazionale di Malta [=BNM]

Ms. *Università,* vol. 4.

Mss. *Library,* 142, n. 6; 1122.

### STAMPATI

George Aquilina, 'The Maltese Franciscans and Marian Devotion in the 17$^{th}$, 18$^{th}$ Centuries', in Vincenzo Borg (a cura di), *Marian Devotions in the Islands of Saint Paul (1600-1900),* Malta 1983.

George Aquilina, *Il-Gimgha l-Kbira tal-Belt*, Malta 1986.

George Aquilina, 'Organs and Organ-Builders in 17$^{th}$ to 19$^{th}$ Century Malta, in Hugh Agius Muscat – Luciano Buono (a cura di), *Old Organs in Malta and Gozo. A collection of studies,* Malta 1998.

George Aquilina, 'Santa Marija ta' Gesù' *Spirtu u Ħajja,* 70 (2004), 2-6.

George Aquilina – Stanley Fiorini, *The Origin of Franciscanism in Late Medieval Malta,* Malta 1995a.

George Aquilina – Stanley Fiorini, 'New Documents Relating to the Origins of Religious Order in Malta', in *Proceedings of History Week 1994,* Malta 1995b

George Aquilina – Stanley Fiorini (a cura di), *Documentary Sources of Maltese History,* [=DSMH] Part IV, n. 1, Documents at the Vatican, *Archivio Segreto Vaticano, Congregazione Vescovi*

e Regolari Malta: Vista Apostolica no. 51, Mgr Petrus Dusina 1575,* Malta 2001.

George Aquilina – Stanley Fiorini (a cura di), DSMH, Part IV, n. 2, Documents at the Vatican, *Archivio Segreto Vaticano: Cancelleria Apostolica and related sources at the Biblioteca Apostolica Vaticana 416-1479,* Malta 2005.

Costanzo Bregna, *La Missione Francescana in Libia,* Tripoli 1924.

Mario Buhagiar, *The Iconography of the Maltese Islands 1400-1900,* Malta 1987.

Mario Buhagiar, *The Late Medieval Art and Architecture of the Maltese Islands,* Malta 2005.

Julio Del Amo Garcia - Stanley Fiorini – Godfrey Wettinger (a cura di), DSMH Part III, *Documents of the Maltese Universitas,*n. 1, *Cathedral Museum, Mdina, Archivum Cathedralis Melitae, Miscellanea 33: 1405-1542*, Malta 2001.

Paolo Evangelisti, *Fede, mercato, comunità nei sermoni di un protagonista della costituzione dell'identità politica della Corona Catalano-Aragonese. Matteo d'Agrigento (c. 1380-1450),* in *Collectanea Franciscana,* 73 (2003) 617-664.

Stanley Fiorini, 'Church Music and Musicians in Late Medieval Malta, in *Melita Historica,* X (1988) 1-11.

Stanley Fiorini (a cura di), DSMH Part II, *Cocuments in the State Archives, Palermo,* n. 1, *Cancelleria Regia:*1259-1400, Malta 1999a; n. 2, *Cancelleria Regia:* 1400-1459. Malta 1999b

Mikiel Fsadni, *Il-Migja u l-hidma ta' l-Ewwel Dumnikani f'Malta*, Malta 1965.

Rosolino La Mattina – Felice dell'Utri, *Frate Umile da Petralia: l'Arte e il misticismo,*[2ª ed.] Caltanisetta 1987.

Rosolino La Mattina – Felice dell'Utri, *Frate Innocenzo da Petralia Scultore siciliano del XVII secolo fra leggenda e realtà,* Caltanisetta 2002.

Anthony Luttrell, *The Making of Christian Malta: The Augustinians at Malta; The Benedictines and Malta, Approaches to Medieval Malta,* Variorum Collected Studies, Suffolk 2000.

Teresa Pugliatti, *Pittura del Cinquecento in Sicilia. La Sicilia orientale,* Napoli 1993.

Giorgio Scerri, *Il Riepilogo di una Lunga Vertenza, ossia il Primo Centenario della Erezione della Custodia dei Frati Minori di Malta, 1838-1938,* Malta 1928.

Pietro Tognoletto, *Il Paradiso Serafico ovvero Cronica nella quale si tratta dell'origine della Riforma dei Minori Osservanti divisa in dieci libri,* Palero 1667.

Salvatore Tramontana, *Antonello e la sua città,* Palermo 1981.

Luca Wadding, *Annales Minorum seu Trium Ordinum a S. Francisco Institutorum,* Quaracchi 1933-1964.

Godfrey Wettinger (a cura di), *Acta Iuratorum et Consilii Civitatis et Insulae Melitae,* Palermo 1993.

## *Noti*

1 Hi interessanti ħafna l-Viżta Pastorali tal-kleru li kien għamel il-Viżitatur Apostoliku Mons. Pietro Dusina fl-1575, fejn insibu attestat dwar il-qagħda klerikali tal-kleru u dwar l-ordinazzjonijiet presbiterali tal-kleru. Vide G. Aquilina – S. Fiorini 2001, pp. 195-305.

2 G. Aquilina – S. Fiorini, 2005, *passim*.

3 Dokument tal-Cancelleria Regia ta' Palermo (23 ta' Lulju 1393) jitkellem mill-intervent ta': "*Rex et Regina*, [ut] *de nostro mandato et expressa voluntate omnes canonichos Jn civitate Cathanie morantes eligere venerabilem fratrem Johannem de Pino* (...) *Jn episcopum et pastorem* (...)" v. S. Fiorini, 1999, n. 181, p. 189.

4 Fil-fatt, l-ispopolament perjodiku tal-gżira kien kawżat mhux biss min-nuqqas ta' sigurtà biex wieħed jaqsam bejn iż-żewġ gżejjer, imma wkoll bl-attakki kontinwi tal-pirati tal-Barberia. Hu interessanti ordni mogħti f'Palermo fit-2 ta' Diċembru 1440 minn Gilebertus Centelles, Battista Plathamon: *"divieto di armare in Malta fuste straniere e di imbarcarvi maltesi per avviare allo spopolamento dell'isola",* BNM, *Università* 4, f. 21.

5 A. Luttrell, 2002, XVI, pp. 297-301.

6 G. Wettinger, 1993, p. 217.

7 M. Fsadni, 1965. Dan l-istudju hu wieħed mill-aħjar li għandna għall-istorja ekkleżjastika u reliġjuża maltija.

8 G. Aquilina – S. Fiorini, 1995, *passim.*

9 A. Luttrell, 2002, XV, pp.147-165.

10 G. Aquilina – S. Fiorini, 1995b, pp. 1-23.

11 Din id-diffikultà kienet qamet sa mill-bidunett tal-fundazzjoni tal-Kunvent Osservanti ta' S. Marija ta' Ġesù fir-Rabat ta' l-Imdina fit-13 ta' Awissu 1507, u l-pjan ma sfaxxax għal kollox għax il-Maltin sa waslu li joffru bħala rahan lill-istess uliedhom jekk tiġri xi ħaġa mhix mistennija: " *lu passahiu li lu quali li frati fanu grandi dificultati, abenche per vostri licteri ni significati che si alcunu periculu fussi vuyaltri forivu quandu altru non si potissi di vindiri vostri figloli*", hekk il-Kapitlu, li rċieva din l-assigurazzjoni, seta' jkompli l-proġett li kien inbeda. J. Del Amo Garcìa, S. Fiorini, G. Wettinger, 2001, n. 80, p. 100.

12 Il-piraterija u l-*corso* kienu mezz ta' qliegħ għall-partijiet kollha interessati. Il-permess kien meqjus bħala: "*ars ad piraticam exercendam*", u *la regia curti consequita et divj haviri lu quintu* (...) *la dicta quinta spectanti ala regia curtj* (...)." Vide S. Fiorini, 1999, nn. 397, 461, pp. 380-382, 488-490.

13 P. Evangelisti, 2003, pp. 617-664.

14 L.Wadding, *Annales Minorum,* ad annum 1482, n. 64.

15 ID, *Ibidem,* ad annum 1494, n. 1.

[16] G. Aquilina – S. Fiorini, 1995b, doc. n. H, pp.20-21.

[17] AFM, AO, 1, 75-77; ACM, Ms *Misc.* 32A, 92.

[18] AFM, *Ibid.,* 79; Aquilina –Fiorini, 1995, doc. XV, 91; BNM, *Libr. Ms.* 142[6], f. 607.

[19] Għal dak li għandu x'jaqsam mal-Patrijiet Minuri ara l-kitba ta' G. Xerri, 1928.

[20] G. Aquilina – S. Fiorini, 1995, pp. 52-57; ta' l-aħħar kien "Teologo di Sua Altezza Serenissima il Gran Maestro" u "*Rev.do Padre Gerolamo Maria da Noto* (...) *Lettore di Sacra Teologia: 5 Gennaro 1797*". BNM, AOM, 627, paġni bla numri.

[21] Fl-1623 il-Provinċja Franġiskana Osservanti ta' Sqallija inqasmet fi tliet provinċji autonomi. Iż-żewġ kunventi Maltin tar-Rabat ta' l-Imdina u tal-Belt Valletta, bdew jagħmlu mal-Provinċja ta' Val di Noto, li dak iż-żmien kienet magħmula minn 22 kunventi. Cfr. AFM, Ms. *Historia Chronologica* ff. 1-16$^{v}$.

[22] G. Aquilina – S. Fiorini, 1995, p. 29; Buhagiar 2005, 137-8, 161, 164; A. Luttrell, 2002, II, *Approaches to Medieval Malta,* pp. 64-66.

[23] G. Aquilina, 2004, 2-6.

[24] G. Aquilina – S. Fiorini, 1995, doc. X, p.83.

[25] M. Buhagiar, 2005, p. 236. Dwar Antonello jikteb fil-pp. 236-241.

[26] M. Buhagiar, 2005, 237. Fil-kronaka ta' l-1731 naqraw biss li kien hemm tliet altari fuq in-naħa tal-lemin: "*quorum primus dicatum est Divae Mariae Magdalenae representante per simulacrum marmoreum album, habens Divi Jacobi Apostoli de genu orantis in uno, et Purgatorii Animarum in altero effigies*"; APF, Ms *Cronica,* 16.

[27] G. Aquilina – S. Fiorini, 1995, doc. XIII, p. 88.

[28] G. Aquilina, 1983, 340-41, n. 58.

[29] Fit-testment tiegħu dan l-artista famuż sa jasal li jafferma: "*quod cadaver meum seppelliatur in conventu sancte marie Jhesu cum habitu dicti conventus, et quod in obsequio meo nullus clerus, tam majoris messinensis ecclesie, quam alius et presertim conventualium, debeat in meo obsequio intervenire, nisi clerus et monaci dicti conventus sancta marie Jhesu*": v. G. Di Marzo, *Nuovi studi,* doc. XII, p. 110, ikkwotat minn S. Tramontana, 1981, pp. 88-89.

[30] G. Aquilina – S. Fiorini, 1995, p. 59, n. 126.

[31] "*Antonius Catalanus Pictor Messinensis – Pingebat 1600*"; BNM, *Libr. Ms. 1122,* ff. 9$^{v}$ – 10$^{v}$; G. Aquilina, 1983, p. 341.

[32] T. Pugliatti, 1993, pp. 260-61.

[33] M. Buhagiar, 1987, p. 54: "*A porcelain-like delicacy combines with a keen eye for detail such as in the exquisite gold-thread embroidery on the gown of St Catherine, who kneels with dance-like poise to receive the betrothal ring from the Divine Child, or in the crisply rendered architectural details of the fluted columns in the Background: and the painting luxuriates in passages of lyrical charm and poetic splendour*".

[34] Buhagiar, *ibid.,* p. 75: "*The treatment of the subject is strikingly original* (…) *The composition is well organized and the play of light and shade is handled with sensitivity and understanding to heighten the drama*".

[35] AFM, *Cronica,* 62.

[36] P. Tognoletto, 1667, p. 312: "(...) *Pietro Novelli, detto communemento il Monrealese* (...) *fu chiamato per far il ritratto del servo di Dio* (...)".

[37] R. La Mattina – F. Dell'Utri, 1987, pp. 195-200.

[38] AFM, *Libro Esito, 1629-1633, Valletta: "A dì 20 Maggio 1632 sino li 10 agosto 1632".*

[39] Tognoletto, *ibid.*, p. 308.

[40] C. Bregna, 1924, pp. 34-37.

[41] F'Malta jeżisti Kurċifiss ieħor, li hu opra ta' Frate Innocenzo da Petralia, dixxiplu ta' Umile. Għaldaqstant, bil-mogħdija taż-żmien, il-partikulari storiċi ta' l-attribuzzjoni lil dawn iż-żewġ mgħallmin distinti bdew jiġu mħawwdin, hekk li beda jintesa l-isem ta' Frate Umile. Cfr. G. Macaluso, in G. Aquilina, 1986, p. 11. Għall-Kurċifiss ta' Innocenzo li jinsab fil-Kattidral ta' l-Imdina, cfr. R. La Mattina, 2002, pp. 81-82.

[42] Għad-dettalji kollha ta' din l-opra, cfr. G. Macaluso, *Ibid.,* pp. 10-11.

[43] AFM, Ms. *Liber propositionum,* ff. 18-19.

[44] AFM, Ms. *Cronica,* p. 59

[45] Sibniha dokumentata f'inventarju ta' l-1674 bħala: "*una Madonna grande di Marmo"*, imma fl-inventarji ta' wara tiġi dejjem deskritta bħala: "*una Madonna grande di Marmo"*, imma fl-inventarji ta' wara tiġi dejjem deskritta bħala: "*Madonna di Trapani*": AFM, AO, doc. 12 f. 97$^{v}$ (1702); f. 103$^{v}$ (1705).

[46] AFM, Ms. *Liber Beneficiorum,* f. 55b.

[47] Ara l-istudju b'20 dokumenti ta' G. Aquilina: 1998, 137-169.

[48] AFM, AO, I, f. 61; S. Fiorini, 1988, 5.

[49] ANV, Atti Antonio Abela R1/3, 26 giugno 1614, ff. 225$^{v}$-227$^{v}$.

[50] AFM, *Libro Esito, Valletta,* 1675-1715, f. 271$^{v}$; AO, 1, [1734] p. 107; *Lettere* Circolari: 1738-1752, f. 72; AOM, 651, f. 270; Archivio dell'Arciconfraternita del SS.mo Crocifisso, *Libro dei Conti,* f. 236. F'Għawdex sibna l-preżenza tal-«maestri organari» Salvatore u Sante Battaglia da Palermo: ANG, Atti Michelangelo Gatt, 31/5, 6. viii. 1828, ff. 158-59; Archivio Parrochiale S. Giorgio, *Libro esito*, 1817-45, f. 239; fejn jirċievu l-ħlas: "" tal-Knisja Matriċi u Parrokkjali ta' San Ġorġ.

[51] ANV, Atti Pietro Vittore Giammalva, R292/9, 4. xii. 1753, ff. 93$^{v}$-94.

# MADONNA KLARA T' ASSISI U L-ORDNI TA' SAN DAMIANO (1)

*Grado Giovanni Merlo*

F'Novembru 1253, waqt li kienet tixhed f'San Damiano t'Assisi waqt inkjesta ordnata minn Innoċenz IV bi tħejjija għall-kanonizzazzjoni ta' dik li kienet l-ewwel badessa ta' l-istess monasteru, swor Beatrice bint Favarone di Assisi hekk fakkret il-konverżjoni evanġelika u l-bidu ta' l-esperjenza reliġjuża ta' oħtha, «madonna» Klara:

«Imbagħad San Franġisk qatagħlha xagħarha quddiem l-altar tal-knisja tal-Verġni Marija, imsejħa l-Porziuncola, u wara bagħatha fil-knisja ta' San Paolo *de Abbatissis*. Meta l-qraba tagħha riedu jkaxkruha 'l barra, is-Sinjura Klara ħatfet it-trieħi ta' l-altar u kixfet rasha, u wriethom li kellha t-tonsura, u b'ebda mod ma qagħdet għalli riedu huma: la li joħduha minn hemm, u lanqas li tmur lura magħhom. U mbagħad San Franġisk, Fra Filippo u Fra Bernardo ħaduha fil-knisja ta' Sant'Angelo di Panzo, fejn qagħdet biss għal xi żmien, u minn hemm għall-knisja ta' San Damiano fejn il-Mulej taha ħafna Sorijiet biex tieħu ħsieb tmexxihom hi. Mitluba tgħid kif kienet taf dawn l-affarijiet, wieġbet li, billi hi kienet oħtha, rat b'għajnejha xi affarijiet, u oħrajn semgħethom mingħand is-Sinjura Klara, u mingħand oħrajn ukoll. Mistoqsija dwar kemm ilu dan, wieġbet: madwar tnejn u erbgħin sena» (ProcCan 12,4-5: FSK 460-461).

Fis-sintesi tagħha x-xhieda ta' swor Beatrice tirriżulta mimlija qawwa u turi fażi deċiżiva fl-eżistenza ta' oħtha Klara. Din, wara li semgħet u laqgħet il-predikazzjoni ta' fra Franġisk, «ċaħdet id-dinja u dak kollu li hu ta' l-art, u marret taqdi lil Alla mill-aktar fis possibbli» (ProcCan 12,2: FSK 458). Kien f'dak il-mument li Franġisku «għamel it-tonsura» lil Klara quddiem l-altar ta' Santa Maria degli Angeli, u hekk daħħalha fil-qagħda ta' mara penitenti. Kien it-18 ta' Marzu 1212, nhar Ħadd il-Palm. Fl-1212, «madwar tnejn u erbgħin sena» qabel l-1253, bint Favarone di Offreduccio kellha ftit inqas minn għoxrin sena. Hi kienet tappartjieni lil familja importanti ta' l-aristokrazija ta' Assisi, ta' tradizzjoni nobbli. Il-familjari tagħha naturalment ippruvaw iżommuha milli taqbad triq li kienet tidhrilhom wisq personali u wisq barra min-norma meta tqabbilha mat-toroq li soltu kienu jagħżlu għalihom in-nisa nobbli, li kienu jidħlu fil-ħajja monastika. L-għażla tal-faqar u tal-penitenza, f'rabta ma' Franġisku u l-fraternità tal-Minuri, wasslet lil Klara għall-ewwel waqtiet ta' servizz umli fil-monasteru ta' sorijiet Benedittini ta' San Paolo delle Badesse, li kien jinsab mhux bogħod minn Assisi fuq it-triq li tieħu lejn Perugia. Wara ftit Klara kienet marret tieħu sehem ukoll fil-ħajja reliġjuża ta' komunità ta' nisa penitenti minn Assisi f'Sant'Angelo di Panzo. X'aktarx li l-ebda waħda minn dawn is-sistemazzjonijiet inizjali ma għoġbot lil Klara. Tant hu hekk li fra Franġisk, flimkien ma' fra Filippo Longo u fra Bernardo da Quintavalle, ħadha f'San Damiano, il-knisja ċkejkna barra mill-ħitan ta' Assisi li l-istess Franġisk kien irrestawra.

Liema kienu f'dik iċ-ċirkostanza l-proġetti, u forsi l-ħolm, ta' fra Franġisk u madonna Klara, 'il hemm mir-rieda sħiħa u ġeneruża li «jgħixu skond il-forma ta' l-Evanġelju mqaddes», ma tantx hu faċli li nippreċiżawhom. Hu aktar faċli li naraw x'kienu l-effetti tal-formazzjoni ta' komunità ċkejkna f'San Damiano, wara li waslet hemm Angese, li kienet oħt Klara, u wara li ġew «dominae» (nisa nobbli) oħrajn: komunità li kienet kapaċi li tipproponi lilha nnifisha bħala eżempju li jista' jkun imitat. L-ewwel konsegwenza tidher li kienet li l-bixra tal-Minuri bdiet tidher bħala waħda doppja, maskili u femminili. Hekk jidher, l-aktar jekk noqogħdu għax-xhieda ta' Jacques de Vitry f'Ottubru 1216. Dan il-prelat li kien ġej mill-Belġju, u li kien wasal Perugia biex jiġi ikkonsagrat isqof ta' Akri minn Innoċenz III, hekk ifakkar dawk li hu jsejħilhom «fratres minores» u «sorores minores»:

«F'dawk l-inħawi sibt ukoll ħaġa li kienet ta' faraġ kbir għalija: xi persuni, irġiel u nisa, għonja u lajċi li, wara li kienu jinżgħu minn kull proprjetà minħabba Kristu, kienu jħallu d-dinja. Jissejħu "patrijiet minuri" u "sorijiet minuri" ... In-nisa jgħixu flimkien f'xi ospizi mhux bogħod mill-bliet, u ma jaċċettaw l-ebda proprjetà, imma jgħixu bil-ħidma ta' idejhom. Jitnikktu u jitħawwdu ħafna meta jaraw kif il-kjeriċi u l-lajċi jżommuhom fil-ġieħ aktar milli jkunu jridu huma» (Jacques de Vitry, Ittra miktuba minn Genova [1216], 8-9: FSF 1684).

Fl-1216 il-gruppi ta' «sorijiet minuri» mela kienu aktar minn wieħed, u kienu mxerrdin f'diversi «ospizi». Meta nqisu li kienet ħaġa magħrufa li wieħed minn dawn l-ospizi kien San Damiano, imma l-oħrajn liema kienu? Jista' jagħti l-każ li dan il-prelat kien qed jgħaqqad taħt l-isem «sorores minores» komunitajiet ta' nisa penitenti fl-Umbria li ma nafux x'relazzjonijiet kellhom mal-komunità ta' San Damiano, u li hu problematiku li nippreżentaw il-profil tagħhom bħala istituzzjoni. Wara kollox, nafu kemm hu problematiku li niddefinixxu l-panorama tar-reliġjużi nisa fl-Italja u f'żoni oħrajn

fl-Ewropa, bejn is-sekli 12 u 13. Reċentement l-istoriċi impenjaw ruħhom biex iħollu din il-problema wkoll fil-każ ta' l-esperjenza ta' madonna Klara u tas-sorijiet tagħha. Ma naqsux dawk li saħqu dwar l-inizjattiva li twieldet minn Klara u Franġisku bħala li kellha effetti istituzzjonali, li raw evoluzzjoni, fid-diversi espressjonijiet u fl-interventi tal-papiet. Din it-teorija wasslet biex dawn l-istudjużi jqisu lil Klara u s-sorijiet tagħha bħala Ordni reliġjuż ġuridikament awtonomu fil-kristjanità latina tas-seklu 13. Dan hu rilevanti minħabba li l-ekkleżjastiċi ta' dak iż-żmien, bil-mod u b'ħafna reżistenza min-naħa tagħhom, wasslu biex jaċċettaw l-eżistenza ta' vokazzjoni reliġjuża speċifika għal dawk in-nisa li ma kienux jintrabtu ma' tradizzjoni monastika u li kellhom it-tendenza li jkissru l-kwadri iebsin soċjali u kulturali li huma kienu jqisuhom bħala divinament stabiliti minn Alla, u li għalhekk ma jistgħux jinbidlu. Fil-perjodu li jmur bejn wieħed u ieħor mis-snin 70 tas-seklu 12 sas-snin 30 tas-seklu 13, il-ġabra ta' reliġjużi nisa kienet qed tippreżenta lill-ġerarkija ekkleżjastika bi proposta ta' ħajja evanġelika ta' diversi tipi, kemm komunitarja kif ukoll individwali. Dawn, fl-ispirazzjoni radikali tagħhom, ma kienux jidhru differenti ħafna mill-istess tensjoni reliġjuża li kienet qed isseħħ fid-dinja ta' Ordnijiet maskili. Għalihom l-importanti ma kienx l-ordni kanoniku ta' appartenenza, daqskemm il-fedeltà lejn l-Evanġelju bix-xhieda relattiva kristjana fqira u eżemplari.

Id-direzzjoni ma kienetx l-istess. Kien hemm nisa verġni, romol u penitenti li, mill-banda l-waħda, kienu jfittxu li jintrabtu mal-monaċi, l-aktar ċisterċensi, u mal-kanoniċi regolari, imma mill-banda l-oħra kienu bdew jippretendu li tiġi rikonoxxuta l-identità pekuljari u distinta tagħhom. Din id-direzzjoni doppja setgħet twassal għall-forom penitenzjali estremi ta' nisa li, volontarjament jgħixu fil-klawsura, magħrufin bħala «recluse» («cellanae, inclusae, mulieres incarceratae»). Kien hemm esperjenzi ta' ħajja reliġjuża ta' nisa li kienu jgħixu qrib forom maskili ta' ħajja reliġjuża: f'aggregazzjonijiet ta' sptarijiet, qrib knejjes u monasteri, fil-bliet u l-kampanja. Dawn kienu komunitajiet doppji li fihom mhux biss kienu jgħixu flimkien individwi ta' sess divers, imma kjeriċi u lajċi, saċerdoti flimkien ma' «viri religiosi» u «mulieres religiosae» (irġiel reliġjużi u nisa reliġjużi). Dawn kienu individwi li kienu jgħaddu mill-«ħajja tas-seklu» għall-«ħajja reliġjuża». Dan il-mod ta' ħajja reliġjuża tagħhom, fil-fatt, kien tip ta' ħajja semi-reliġjuża, kemm il-darba din kienet isseħħ f'istituzzjonijiet li kienu barra minn dawk diġà eżistenti fil-monasteri u fil-kunventi ta' kanoniċi regolari. Min-nofs is-seklu 12 għalihom u f'nofshom kienu jiġu elaborati u użati kliem u espressjonijiet li kellhom fortuna mġedda fl-ambjenti ta' l-Ordnijiet mendikanti: «fraternitas, societas, congregatio, frater, socius, saeculo renunciare, propriam voluntatem relinquere, abrenunciare suam propria voluntatem, intrare religionem» (fraternità, soċjetà, kongregazzjoni, fra, kumpann, tiċħad is-seklu, tirrinunzja għar-rieda tiegħek proprja, tiċħad ir-rieda tiegħek proprja, tidħol fir-reliġjon).

Din is-sintesi mgħaġġla ta' xi karattri ta' orjentamenti reliġjużi li kienu jaħdmu bejn is-sekli 12 u 13 nistgħu nifhmuha bħala l-għażla eżistenzjali kristjana ta' fra Franġisk u ta' madonna Chiara. Qrib is-sena 1216 il-kelma Minuri diġà tindika kemm «fratres» kif ukoll «sorores». Id-distinzjoni bejn dawn iż-żewġ komponenti ma kienetx ġejja ċertament minn San Damiano, fejn jidher li kien hemm rabta mill-aktar intima tas-sorijiet ma' fra Franġisk u l-patrijiet tiegħu. Minn fejn kienet, mela, ġejja din id-distinzjoni? Kienet ġejja minn motivazzjonijiet ta' strateġiji ekkleżjastiċi lejn il-moviment reliġjuż femminili ta' ispirazzjoni evanġelika u «pauperistica», li kienet qed tiġi ippreżentata quddiem il-Papa minn ambjenti ta' l-Italja ċentrali u tat-tramuntana. Dak li kien attiv u, b'xi mod, l-organizzatur, ta' din l-istituzzjoni ġdida kien il-kardinal Ugolino, kemm qabel l-elezzjoni tiegħu bħala Papa, kif ukoll meta sar Papa Girgor IX. Minħabba esiġenzi li qamu waqt il-pontifikat ta' Innoċenz III, hu kellu l-intenzjoni li jasal biex jipprovdi kwadru istituzzjonali tad-diversi espressjonijiet ta' evanġeliżmu komunitarju femminili. Forsi hu kien telaq mill-mudell ta' San Damiano, imma ċertament kien applikah mingħajr riferiment għall-ispirazzjoni Franġiskana li fiha twieled. F'Awissu 1218 il-kardinal Ugolino irċieva mill-Papa Onorju III il-Bulla «Litterae tuae nobis» li biha, bħala legat tas-sede apostolika, ġie awtorizzat biex iġib taħt id-dipendenza tal-Knisja ta' Ruma lil dawk il-komunitajiet femminili li kellhom l-intenzjoni li jgħixu bħala penitenti volontarji fil-forma ta' faqar mill-aktar rigoruż.

Fuq il-bażi ta' din l-awtorizzazzjoni lejn tmiem Lulju 1219 il-kardinal Ugolino, li kien jinsab fil-monasteru ta' San Pietro ta' Perugia, ta diplomi ta' protezzjoni u eżenzjoni lil erba' monasteri ta' nisa, li tlieta minnhom kienu fit-Toscana u wieħed fl-Umbria: Santa Maria al Santo Sepolcro ta' Monticelli qrib Firenze; Santa Maria fuori porta Camollia fi Siena; Santa Maria di Gattaiola fid-djoċesi ta' Lucca; u Santa Maria di Monteluce barra Perugia. Il-kontenut ta' dawn l-erba' privileġġi, li lkoll jibdew bl-espressjoni «Prudentes virginibus»

hu dejjem identiku: dipendenza diretta mill-Knisja Rumana li tagħha kienet il-proprjetà tal-monasteru («cum omnibus aedificiis et pertinentiis suis»), l-aċċettazzjoni tar-Regola Benedittina, u l-klawsura rigoruża għas-sorijiet. L-unika eċċezzjoni hi d-diploma mogħtija lill-badessa u s-sorijiet ta' Santo Sepolcro f'Monticelli, li fiha ma hemm l-ebda riferiment għall-«forma ta' ħajja» elaborata mill-kardinal Ugolino, imma għall-«osservanzi regolari skond l-Ordni tan-nisa ta' Santa Maria di San Damiano f'Assisi» li l-komunità ta' Monticelli kienet aċċettathom «volontarjament». Kien il-monasteru ta' Monticelli li, qabel l-oħrajn kollha, fid-9 ta' Diċembru 1219, irċieva l-konferma papali tad-diploma li kien akkwista mill-kardinal Ugolino.

Jidher li, f'dik is-sena 1219, is-sorijiet ta' Monticelli, kienu ġew iffurmati personalment minn Agnese, oħt madonna Klara: għaldaqstant ma niskantawx bir-riferiment espliċitu għall-«osservanzi regolari» ta' dak il-monasteru li l-kardinal isejjaħlu «Santa Maria di San Damiano». L-isem stess jurina l-għaqda bejn żewġ tendenzi fundamentali: San Damiano kienet il-knisja li ġiet restawrata minn fra Franġisk u fejn marret toqgħod Klara u s-sorijiet tagħha; Santa Maria hi d-dedikazzjoni tal-monasteru li żdiedet mill-kardinal Ugolino mad-diversi ismijiet ta' monasteri li hu ħa taħt il-protezzjoni tiegħu u li riedhom dedikati lill-Verġni Marija. Il-fatt li s-sitwazzjoni fl-1219/1220 ma kienetx ċara għal kollox jidher mill-fatt ta' l-inizjattiva li ħa fra Filippo Longo – f'dak il-perjodu San Franġisk kien jinsab fl-Eġittu – li kien «zelatur tas-Sorijiet Foqra» («zelator dominarum pauperum»), li jitlob mis-sede apostolika ittri ta' protezzjoni favur l-istess «dominae». Kienu dawn l-ittri li, malli Franġisku irritorna fl-Italja mill-Art Imqaddsa, talab lill-kardinal Ugolino biex jirrevokahom.

Il-badessi u s-sorijiet tal-monasteri ta' Gattaiola, Siena u Monteluce, irċevew il-konferma pontifiċja tal-privileġġ ta' Ugolino biss f'Settembru 1222. Il-pjan tal-kardinal ta' Ostia kien żviluppa aktar jekk, matul it-tielet legazzjoni tiegħu fl-Italja ċentrali u tat-tramuntana fl-1221, hu daħħal fir-reġistru ta' l-atti tiegħu il-formularju li l-isqfijiet kellhom jużaw meta jikkonċedu t-twaqqif tal-monasteri femminili:

«Il-verġni ikkonsagrati lil Alla u l-qaddejja l-oħrajn ta' Kristu jaqdu lill-Mulej fil-faqar skond il-forma ta' ħajja u r-reliġjon tas-Sorijiet Foqra tal-valle di Spoleto u Tuscia, mogħtija lill-istess sorijiet bl-awtorità tas-sinjur Papa, mis-sinjur Ugolino, isqof venerabbli ta' Ostia».

Il-formularju jkompli billi jfakkar li l-isqfijiet kellhom jikkonċedu lil dawn il-monasteri ġodda il-«libertà li, kif inhu magħruf, għandhom il-monasteri ta' l-istess reliġjon ta' Perugia, ta' Siena u ta' Lucca, ikkonfermata mill-privileġġi tas-sede apostolika». Il-fatt li l-formularju ma jsemmix lil San Damiano t'Assisi u lil Santa Maria ta' Monticelli jidher li qed jissuġġerixxi li l-kardinal Ugolino kien iqis lil dawn iż-żewġ monasteri diversi mill-oħrajn li kienu jsegwu l-«forma vitae» li hu stess kien kiteb għalihom fl-1218/1219. L-espressjoni «skond il-forma ta' ħajja u r-reliġjon tas-Sorijiet Foqra tal-valle di Spoleto u Tuscia» tħalli spazju għal terminoloġiji, żviluppi u integrazzjoni li ġew wara. Niftakru li fid-29 ta' Marzu 1220 il-kardinal isqof ta' Ostia u Velletri kien iċċelebra l-Għid f'San Damiano, u kien għex ma' Klara, «oħti l-aktar għażiża fi Kristu», u mal-«qaddejja ta' Kristu» l-oħrajn esperjenza reliġjuża mill-aktar intensa, li l-prelat wara ħass il-firda doloruża tagħha. Il-konfront bejn il-«kobor tal-merti» ta' Klara u l-«ebusija tar-reliġjon» li kienu jgħixu s-sorijiet tal-monasteru ta' Assisi, kienu qajmu fil-kardinal Ugolino l-għarfien tal-kundizzjoni tiegħu bħala midneb li kien jeħtieġ «id-dmugħ u t-talb» ta' swor Klara biex jaqla' l-maħfra ta' ħtijietu. Lilha dan «l-isqof imsejken u midneb» jafda r-«ruħ u l-ispirtu» tiegħu, kif ukoll «Ġesù fuq is-salib feda l-ispirtu tiegħu fil-Missier».

Din id-dehra ta' reliġjożità ħajja u mqanqla nistgħu nilmħuhom f'ittra li l-kardinal Ugolino kien bagħat lil Klara. Ma nistgħux neliminaw ix-xhieda tar-relazzjoni intensa u personali li inħolqot bejn il-prelat, swor Klara u s-sorijiet l-oħrajn tal-komunità. Liema ġejjieni kien qed jaħseb dwaru l-kardinal għar-«religio» (ordni) ta' San Damiano?

X'aktarx li l-futur kien marbut mar-relazzjoni li s-sorijiet kollhom ma' l-iżviluppi istituzzjonali tal-komponenti maskili tal-fraternità minoritika. Diġà nafu li bejn l-1221 u l-1223 saru d-deċiżjonijiet dwar il-profil ġuridiku li kellu jingħata lill-ordni ta' l-irġiel, biex dan seta' tassew jinbidel f'Ordni reliġjuż. Ma nkunux daqshekk bogħod mill-verità jekk naffermaw li f'dak il-perjodu ta' żmien it-trasformazzjoni ma kienetx biss ġuridika, imma wkoll bidla fil-fiżjonomija. Il-fraternità saret Ordni, u saret Ordni maskili. Kien hemm post għall-komponenti femminili? It-tweġiba tidher li kienet negattiva. L-evoluzzjoni tal-fraternità ma kienetx iġġib, min-naħa ta' Franġisku, il-kapaċità jew ir-rieda jew il-possibilità li jelabora prospettiva istituzzjonali għal dawk in-nisa li magħhom mill-bidunett qasam l-intenzjoni biex «jgħix skond il-forma ta' l-Evanġelju mqaddes». Imma madonna Klara u s-sorijiet tagħha kienu se jidħlu f'dell ta' dokumentazzjoni u fatti. Dan nilmħuh jekk naqraw l-ewwel u t-tieni Regola tal-patrijiet Minuri.

*Ikompli fil-ħarġa li jmiss.*

# ASSISTENZA SPIRITWALI U UNITÀ FL-OFS

*Noel Muscat OFM*

Fit-28 ta' Marzu 2002, il-Konferenza tal-Ministri Ġenerali ta' l-I Ordni Franġiskan u t-Terz Ordni Regolari (TOR), approvat l-Istatuti l-ġodda għall-Assistenza spiritwali ta' l-Ordni Franġiskan Sekular (OFS). Il-Kostituzzjonijiet Ġenerali OFS jitkellmu mill-Assistenza spiritwali u pastorali ta' l-OFS fl-artikli 85-91. Nagħtu ħarsa lejn x'jgħidu l-Kostituzzjonijiet, u mbagħad lejn il-kontenut ta' l-Istatuti għall-Assistenza spiritwali OFS.

### *Il-Kostituzzjonijiet Ġenerali dwar l-Assistenza OFS*

L-OFS hu parti sħiħa mill-familja Franġiskana, jesprimi d-don tal-ħajja Franġiskana fis-sekolarità, u għandu relazzjonijiet speċjali mal-patrijiet Franġiskani ta' l-I Ordni u TOR (jiġifieri mal-Patrijiet Minuri [OFM], mal-Patrijiet Minuri Konventwali [OFMConv], mal-Patrijiet Minuri Kapuċċini [OFMCap], u mat-Terz Ordni Regolari [TOR]).

L-Assistenza spiritwali u pastorali ta' l-OFS hi, qabel xejn, id-dmir tal-Ministri Ġenerali u tal-Ministri Provinċjali Franġiskani. Hekk, l-Assistenza fuq bażi internazzjonali hi dmir tal-Ministri Ġenerali, filwaqt li dik fuq bażi nazzjonali hi dmir tal-Ministri Provinċjali. Din l-Assistenza ssir b'żewġ modi. Qabel xejn, il-Ministri ta' l-I Ordni u TOR jeżerċitaw fuq l-OFS dak li jissejjaħ «altius moderamen» (tmexxija aktar għolja) mil-Liġi Kanonika tal-Knisja (can. 303). Imbagħad, huma jeżerċitaw l-Assistenza spiritwali u pastorali permezz ta' dawk il-patrijiet li huma maħturin bħala Assistenti ġenerali, jew nazzjonali, jew lokali, tal-Fraternitajiet OFS.

X'nifhmu b'«altius moderamen»? Il-Kostituzzjonijiet Ġenerali OFS jgħidu li l-«altius moderamen» jiggarantixxi l-fedeltà ta' l-OFS mal-kariżma (don ta' ħajja) ta' San Franġisk. F'kelma oħra, l-Ministri jridu jiżguraw li l-Fraternitajiet OFS kollha jgħixu tassew bil-fedeltà l-ħajja Franġiskana, f'unjoni bejniethom, ma' l-Ordni Franġiskan, u fil-fidi Kattolika. Mela, ma nistgħux nitkellmu minn Fraternità OFS, fejn ma hemmx il-fidi Kattolika u l-għaqda mal-familja Franġiskana.

L-istess Kostituzzjonijiet jgħidu li l-Ministri Ġenerali jeżerċitaw l-«altius moderamen» b'mod kolleġjali, jiġifieri flimkien, u mhux kull wieħed għal rasu (artiklu 87 §1). Fil-każ tal-Ministri Provinċjali, kull wieħed hu responsabbli mill-Fraternitajiet li jiddependu mill-Assistenza ta' l-Ordni tiegħu (artiklu 88 §1). Imma l-istess Kostituzzjonijiet jgħidu wkoll li l-Ministri Provinċjali, fl-assistenza tal-Fraternità nazzjonali, għandhom ifittxu metodi biex jaqdu dan id-dmir tagħhom flimkien, b'mod kolleġjali (artiklu 88 §5).

Konkretament, id-dmirijiet tal-Ministri rigward l-OFS jikkonsistu fi tliet elementi: (1) it-twaqqif kanoniku tal-Fraternitajiet OFS li jiddependu mill-Assistenza tagħhom; (2) il-viżta pastorali lill-Fraternitajiet OFS li jiddependu mill-Assistenza tagħhom; (3) l-għażla ta' patrijiet Assistenti «xierqa u mħejjija tajjeb» għall-ħidma ta' animazzjoni tal-Fraternitajiet nazzjonali u lokali, wara li jikkonsultaw il-Kunsill tal-Fraternità (artiklu 91).

### *L-interpretazzjoni ġuridika ta' l-«altius moderamen»*

Għalkemm, ma' l-ewwel daqqa ta' għajn, dawn ir-responsabiltajiet tal-Ministri Ġenerali u Provinċjali ta' l-I Ordni u TOR jidhru ċari, fil-prattika nafu li għad hemm bosta diffikultajiet fir-rigward. L-ewwel diffikultà għandha x'taqsam ma' l-interpretazzjoni ġuridika ta' l-«altius moderamen». Il-Kostituzzjonijiet OFS jinsistu li din għandha tiġi eżerċitata b'mod kolleġjali. Imma din in-nota ma tinstabx fil-kanoni 303 tal-Liġi Kanonika tal-Knisja. Fl-interpretazzjoni ġuridika tal-Knisja, kull Ordni reliġjuż għandu d-dritt li jwaqqaf fraternitajiet jew komunitajiet ta' «Terzjarji» li huma marbutin jew aggregati ma' l-Ordni partikulari li hu responsabbli minnhom. Fil-każ tal-familja Franġiskana, jinħass il-bżonn, ġustament, li l-4 familji ta' l-I Ordni, li semmejna aktar 'il fuq, jaħdmu flimkien b'mod kolleġjali, u mhux kull wieħed għal rasu. Dan il-bżonn jiġi indikat b'mod qawwi fil-Kostituzzjonijiet OFS, u hu ċertament punt li tinsisti fuqu t-tmexxija ta' l-OFS (Presidenza tal-Conferenza Internazionale Ordine Francescano Secolare = CIOFS). Il-fatt li l-Knisja uffiċjalment ikkonfermat il-Kostituzzjonijiet OFS juri li taċċetta bħala korretta din l-interpretazzjoni fil-każ tal-familja Franġiskana. Madankollu, din qatt ma kienet l-interpretazzjoni ġuridika li kellu f'moħħu l-leġislatur fil-Kodiċi tal-Liġi Kanonika. Wieħed jista' jistaqsi jekk, fil-fatt, xi waħda mill-familji ta' l-I Ordni, tibqax bid-dritt li taħseb hi għall-«altius moderamen» tal-Fraternitajiet OFS li jiddependu mill-assistenza tagħha, mingħajr ma tkun obbligata li dan tagħmlu

dejjem flimkien mal-familji l-oħrajn ta' l-I Ordni. U hu wkoll ambigwu s-sens tal-kelma «kolleġjali». Il-«kolleġjalità» timplika ftehim reċiproku u sens ta' unjoni u kollaborazzjoni fil-ħidma, imma bl-ebda mod ma timplika li xi ħadd għandu d-dritt li jippretendi li kulħadd irid jagħmel u jiddeċiedi kollox flimkien bħala obbligu.

L-OFS bħala Ordni illum hu wieħed. Imma storikament hu dubbjuż ħafna jekk nistgħux ngħidu li kien dejjem Ordni wieħed. Għax meta twieled oriġinarjament, hu intrabat ma' l-I Ordni b'tali mod li din ir-rabta kienet wasslet għal dipendenza anke ġuridika mill-patrijiet. Hekk meta l-I Ordni beda jinfired fil-familji prinċipali li għandna llum, kull waħda minnhom ħadet taħt il-protezzjoni tagħha dawk il-fraternitajiet li kienu jiddependu minnha, u waqqfet oħrajn ġodda. Għal sekli sħaħ, dak li xi kultant għadu jissejjaħ Terz Ordni Franġiskan kien, fil-fatt, mhux Ordni wieħed, imma 4 li kienu jiddependu anke ġuridikament minn kull waħda mill-4 familji ta' l-I Ordni, fuq il-bażi li kull Ordni hu awtonomu u għandu Ministru Ġeneral għalih, u l-ebda Ordni ma jista' jeżerċita ġurisdizzjoni fuq Ordni ieħor. Il-Knisja ma tistax tinterpreta l-liġi b'mod ieħor, imma tħalli f'idejn kull Ordni d-dritt li jkollu Fraternitajiet OFS li jiddependu mill-Assistenza tiegħu, anke jekk, fil-prattika, l-Knisja tapprova l-prassi ġdida li biha l-OFS iqis lilu nnifsu bħala Ordni wieħed u jitlob lill-I Ordni biex jaħdem kolleġjalment għall-ġid tiegħu. F'kelma oħra, id-diskors dwar l-«unità» ta' l-OFS għadu diskors miftuħ għad-diskussjoni, ukoll jekk it-tmexxija ta' l-Ordni ma tridx tammetti dan bl-ebda mod. Dik li l-Presidenza CIOFS issejħilha «unità», fil-fatt, hi pjuttost «unifikazzjoni». L-unità hi process spontanju, l-unifikazzjoni tiġi imposta minn fuq. Fil-preżent nistgħu ngħidu li l-OFS ġie unifikat, imma nistgħu onestament ngħidu li fih hemm unità? Nistgħu nammettu li t-tmexxija fuq struttura «unitarja» hi l-unika waħda li taħdem, u li t-tmexxija fuq bażi «konfederata» tmur kontra l-ispirtu Franġiskan?

Mingħajr ma nidhru li rridu noħduha kontra l-leġislazzjoni OFS u r-rieda tat-tmexxija ta' l-Ordni, jibqa' l-fatt li żewġ elementi għadhom mhumiex ċari fir-relazzjonijiet bejn l-OFS u l-I Ordni u TOR. (1) Hemm diskrepanza evidenti bejn dak li tgħid il-Liġi Kanonika tal-Knisja u dak li jgħidu l-Kostituzzjonijiet Ġenerali OFS rigward l-«altius moderamen», anke jekk il-Knisja tapprova l-Kostituzzjonijiet u, għaldaqstant, l-interpretazzjoni u l-prassi konsegwenti li huma jikkmandaw. (2) Hemm diskrepanza fil-kompetenzi tal-Ministri, fis-sens li, filwaqt li l-Ministri Ġenerali jridu jaħdmu kolleġjalment fl-eżerċizzju ta' l-«altius moderamen», il-Ministri Provinċjali huma direttament responsabbli mill-«altius moderamen» tal-Fraternitajiet li jiddependu mill-Assistenza tagħhom, u huma imħeġġin, imma mhux obbligati, li jfittxu modi biex jaħdmu flimkien fuq bażi kolleġjali.

### *Statuti dwar l-Assistenza OFS*

L-Istatuti dwar l-Assistenza (SAOFS) jibdew billi jinsistu dwar l-għaqda ta' ħajja li hemm bejn l-OFS u l-familji ta' l-I Ordni u TOR, u jfakkru lill-Ministri li hu dmir tagħhom li jiżguraw li jipprovdu Assistenza spiritwali u pastorali lill-OFS.

Fid-dawl ta' dak li diġà rajna fil-Kostituzzjonijiet Ġenerali, l-SAOFS jitkellmu mill-«altius moderamen» bħala uffiċċju tas-superjuri maġġuri u mill-assistenza spiritwali bħala l-mod ordinarju kif jiggarantixxu din it-«tmexxija aktar għolja». L-iskop ta' l-Assistenza spiritwali hu dak li jiggarantixxi l-fedeltà lejn il-Knisja u l-familja Franġiskana, biex jgħin fil-formazzjoni inizjali u permanenti tal-membri OFS, u biex iħajjar lill-patrijiet biex juru imħabba u kura lejn l-OFS.

Fil-livelli ġenerali u provinċjali, l-Ministri jridu jħaddmu l-«altius moderamen» b'mod kolleġjali, filwaqt li, fil-livell tal-Fraternitajiet lokali, kull familja reliġjuża ta' l-I Ordni tieħu ħsieb tal-Fraternitajiet OFS li jiddependu mill-assistenza tagħha. Dan is-servizz ta' «altius moderamen» jgħin, u mhux jissostitwixxi, t-tmexxija ġuridika tal-Ministri OFS u tal-Kunsilli tagħhom.

L-Assistenza hi, qabel xejn, id-dmir tal-Ministri ta' l-Ordnijiet Franġiskani irġiel. Huma responsabbli mit-twaqqif kanoniku ta' Fraterntajiet OFS, iridu jżurhom waqt il-viżta fraterna, u jridu jipprovduhom b'Assistenti «xierqa u mħejjija tajjeb» għal dan ix-xogħol kwalifikat. Għaldaqstant għandhom jieħdu ħsieb li l-patrijiet li se jkunu Assistenti jirċievu preparazzjoni adegwata.

Il-Ministri Ġenerali jeżerċitaw b'mod kolleġjali l-kura ta' l-OFS billi: (1) jieħdu ħsieb tar-relazzjonijiet ta' l-OFS mas-Santa Sede; (2) jagħmlu l-viżta pastorali tal-Presidenza CIOFS; (3) jippresjiedu fuq l-elezzjoni tal-Presidenza CIOFS u jikkonfermawha; (4) jilqgħu ir-riżenja tal-Ministru Ġenerali OFS. Huma jridu jkoll jaħtru Assistant Ġenerali OFS, kull wieħed għall-Ordni tiegħu.

Il-Ministri Provinċjali jeżerċitaw il-kura ta' l-OFS fit-territorji li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tagħhom. Fejn hemm aktar minn Ordni wieħed Franġiskan f'xi territorju (bħal fil-każ ta' Malta), dawn iridu «jfittxu l-aktar mezzi adegwati biex

jaqdu b'mod kolleġjali l-missjoni tagħhom» favur il-Fraternità nazzjonali OFS. Fil-każ tal-Fraternitajiet li jiddependu mill-Assistenza ta' l-Ordni tagħhom, il-Ministri Provinċjali għandhom id-dmir li: (1) iwaqqfu kanonikament il-Fraternitajiet; (2) janimaw u personalment iżuru l-Fraternitajiet li jiddependu mill-Assistenza tagħhom; (3) iżommu ruħhom informati dwar l-Assistenza spiritwali li tingħata lill-OFS u l-GIFRA; (4) jaħtru l-Assistenti spiritwali, wara konsultazzjoni mal-Fraternità konċernata.

L-Assistenti Spiritwali OFS jridu preferibilment ikunu patrijiet ta' l-I Ordni u TOR. Huma għandhom jagħtu xhieda ta' l-għaqda bejn il-familji ta' l-I Ordni u TOR u l-OFS, billi juru mħabba speċjali lejn il-Franġiskani Sekulari. L-Assistant hu membru bi dritt fil-Kunsill nazzjonali jew lokali, u għandu dritt li jivvota dejjem, ħlief fil-każ ta' elezzjonijiet u f'materja ta' tmexxija ekonomika tal-Fraternità.

Il-ħidma ewlenija ta' l-Assistent hi dik li jagħti spiritwalità Franġiskana lill-Fraternità OFS, u li jikkopera fil-formazzjoni inizjali u permanenti tal-Franġiskani Sekulari. Hu partikularment responsabbli mill-ħajja liturġika u spiritwali tal-Fraternità OFS.

Il-viżta pastorali hi mument privileġġjat fil-ħajja tal-Fraternità. L-SAOFS jitkellmu mill-viżitatur pastorali bħala espressjoni ta' kif issir l-Assistenza lill-OFS. Hu jivverifika l-programmi ta' formazzjoni tal-Fraternità, jara li hi tgħix fil-fedeltà lejn ir-Regola OFS, f'għaqda mal-fraternitajiet oħrajn, mal-familja Franġiskana u mal-Knisja, li l-Assistent tassew jikkontribwixxi għall-ispiritwalità Franġiskana tal-membri. Hu rakkomandat li l-viżta pastorali (tal-Ministru Provinċjal jew delegat tal-Konferenza ta' Assistenti) issir flimkien mal-viżta fraterna (tal-Ministru OFS, jew tad-delegat tal-Kunsill Nazzjonali).

Xi elementi prattiċi dwar l-Assistenti OFS jinkludu t-tul ta' żmien li għandhom idumu fil-kariga (mhux aktar minn 12-il sena), x'għandu jsir meta hemm diffikultà biex jinstabu Assistenti OFS mill-I Ordni jew TOR (sehem ta' Sorijiet Franġiskani u Sekulari Franġiskani bħala «animaturi» tal-Fraternitajiet), u dwar kif għandu jkun kompost il-Kunsill ta' l-Assistenti Nazzjonali, kull fejn hemm aktar minn Ordni wieħed ta' patrijiet preżenti fl-istess territorju.

Hemm dmirijiet partikulari ta' l-Assistenti Ġenerali, Nazzjonali, Reġjonali u Lokali OFS, li dejjem għandhom x'jaqsmu mar-rabta u l-kollaborazzjoni li għandha teżisti bejniethom u flimkien mas-superjuri maġġuri ta' l-Ordnijiet tagħhom. Hawnhekk se nieqfu biss fuq id-dmirijiet ta' l-Assistent Lokali tal-Fraternità OFS, li hu dak li jidħol direttament f'kuntatt mal-Franġiskani Sekulari.

L-Assistent Lokali OFS jiġi maħtur mill-Ministru Provinċjal tiegħu, wara li dan ikun ħa l-parir tal-kunsill tal-Fraternità konċernata.

L-Assistent irid iġib 'il quddiem l-unjoni u l-kollaborazzjoni bejn l-OFS u l-I Ordni u TOR, u jaħdem id f'id mal-Gwardjan tal-kunvent li miegħu tkun marbuta l-Fraternità Lokali OFS (ma hemm xejn fl-Istatuti li jindika li l-Assistent irid ikun bilfors patri li qed jgħix f'dik il-Fraternità Franġiskana).

L-Assistent hu responsabbli mill-formazzjoni tal-Franġiskani Sekulari u għandu jkun mitlub li jagħti l-fehma tiegħu dwar il-kandidati għall-professjoni tar-Regola OFS.

Hu wkoll jieħu ħsieb li joħloq djalogu mal-membri li jkunu f'diffikultajiet partikulari, jew li jkunu jridu jħallu l-OFS.

### *Konklużjoni*

Il-figura ta' l-Assistent Spiritwali OFS li toħroġ mill-Kostituzzjonijiet Ġenerali OFS u mill-Istatuti għall-Assistenza spiritwali u pastorali OFS hi dik ta' reliġjuż li: (1) juri għarfien tajjeb tal-kariżma Franġiskan u ta' l-istorja u l-leġislazzjoni ta' l-OFS; (2) juri rispett lejn ir-rwol tal-Franġiskani Sekulari fit-tmexxija interna tal-Fraternità, u jkun jaf x'inhuma l-kompetenzi tiegħu; (3) jaħdem b'kollaborazzjoni mal-Ministru Provinċjal tiegħu u jistimolah biex jieħu parti attiva fl-animazzjoni tal-Franġiskani Sekulari; (4) ikun kapaċi jaħdem f'kollaborazzjoni ma' Assistenti oħrajn, kemm ta' l-Ordni tiegħu, kif ukoll ta' Ordnijiet oħrajn Franġiskani; (5) juri mħabba vera u kura ta' missier lejn il-membri kollha tal-Fraternità OFS li tagħha hu Assistent.

Rajna wkoll kif l-Assistenza spiritwali OFS ma tmissx biss lill-figura ta' l-Assistent, imma wkoll lil dik tal-Ministru Provinċjal u tal-Viżitatur. Rajna wkoll kif l-OFS jista' jaħdem sinċerament biex jirrejalizza l-vera unità li tiġi mill-kollaborazzjoni sinċiera li tevita kull interessi partiġġjani, u li ma tippretendix li timponi process ta' unifikazzjoni ta' persuni u strutturi mingħajr ma tikkura l-proċess formattiv ta' kuxjenza favur il-vera unità ta' l-OFS.

# IS-SORIJIET FRANĠISKANI: STORJA U SPIRITWALITA (8)

Raffaele Pazzelli TOR

### Wara l-Konċilju ta' Trento

Id-digrieti tal-Konċilju ta' Trento dwar in-nisa reliġjużi, u l-aktar id-digrieti tal-kostituzzjoni "Circa pastoralis" ta' San Piju V kellhom bħala konsegwenza l-fatt li s-sorijiet Franġiskani bdew jiġu meqjusin bħala sorijiet tal-klawsura.

Sa minn żmien il-kostituzzjoni "Periculoso" ta' Bonifaċju VIII fl-1298 il-professjoni solenni kienet timplika l-osservanza tal-klawsura stretta u projbizzjoni assoluta li s-sorijiet joħorġu mill-monasteru, ħlief f'każi ta' emerġenza evidenti. Is-sorijiet li kienu meqjusin bħala reliġjużi fis-sens sħiħ tal-kelma kienu dawk li kienu jsegwu waħda mir-Regoli tradizzjonali: jew dik ta' San Bażilju, jew ta' Santu Wistin, jew ta' San Benedittu, jew ta' San Franġisk (jiġifieri r-Regola tal-Klarissi).

Ir-Regoli tat-Tielet Ordni Franġiskan jew Dumnikan ma kienux meqjusin bħala Regoli li jorbtu lill-imseħbin għal-liġi tal-klawsura.

Hekk, fi żmien il-Konċilju ta' Trento, kienu jeżistu l-hekk imsejħin "monasteri ta' klawsura" u l-"monasteri miftuħin", skond jekk kienetx titħares fihom il-liġi tal-klawsura. Barra dawk il-monasteri li fihom kienet titħares il-klawsura, kien hemm dawk il-monasteri li kienu wkoll meqjusin bħala klawstrali. Fihom is-sorijiet kienu jħaddnu l-klawsura wkoll jekk ma kienux miżmumin għaliha bir-Regola jew bil-professjoni tagħhom. Is-sorijiet li kienu jgħixu fihom kienu meqjusin bħala Sorijiet Terzjarji. Ir-Regola tagħhom kienet titqjies bħala "modus vivendi" approvata mill-Knisja, u ma kienetx timplika l-obbligu tal-klawsura.

Il-Kostituzzjoni "Circa pastoralis" kienet tiddikjara l-klawsura lil dawn il-monasteri kollha, ukoll dawk tas-Sorijiet Terzjarji. Il-voti reliġjużi tagħhom, ukoll dawk li kienu ġew dikjarati bħala voti solenni minn Sistu IV fl-1480, ma kienux jobbligaw lis-sorijiet biex josservaw il-klawsura, għaliex huma ma kienux iħaddnu waħda mill-erba' Regoli prinċipali, imma r-Regola tat-Tielet Ordni.

San Piju V ried jelimina din l-eċċezzjoni u għamel hekk permezz ta' din il-klawsola fil-Kostituzzjoni "Circa pastoralis":

"Mhux is-sorijiet Terzjarji kollha li jgħixu fil-komunità jagħmlu parti minn din il-kategorija. Bosta sorijiet Terzjarji ma riedux iħaddnu l-voti solenni u kienu qed jgħixu fil-komunità biss bil-voti sempliċi".

Il-Papa tahom għażla: jew jagħmlu l-professjoni solenni, jew jibqgħu kif kienu. Imma jekk jagħżlu t-tieni opzjoni, ma setgħux idaħħlu aktar novizzi, u l-professjonijiet ġodda fil-komunitajiet tagħhom kellhom jitqiesu bħala nulli u bla effett. B'hekk Piju V ma issopprimiex il-komunitajiet ta' Sorijiet Terzjarji b'voti sempliċi, imma ikkundannahom għall-piena tal-mewt maż-żmien.

Dan il-provvediment qajjem taħwid kbir fil-monasteri tan-nisa, l-aktar f'Ruma, fejn fl-1566 tħabbar li, waqt viżta tal-monasteri tan-nisa, kienu bosta dawk il-monasteri ta' Sorijiet Terzjarji u Beghine li kienu sejrin jingħalqu.

Xi isqfijiet, iżda, għamlu użu mill-fakultà mogħtija lilhom mill-Konċilju ta' Trento biex jiddispensaw mill-klawsura għal kawżi leġittimi, biex b'hekk isalvaw lil dawn is-sorijiet. Imma Piju V ħareġ dokument ieħor, il-bulla "Decori et honestati" (24 ta' Jannar 1570), li fiha iddikjara li s-sorijiet setgħu joħorġu mill-klawsura biss għal tliet raġunijiet: xi nirien kbar, xi epidemia ta' mard jew minħabba l-lebbra.

Kienu bosta l-protesti li saru, ukoll minn awtoritajiet ċivili, bħas-Senat ta' Venezja. B'hekk, f'ittra tal-31 ta' Diċembru 1580 is-Santa Sede għamlitha ċara li ma riedetx tisforza lis-sorijiet għal restrizzjonijiet akbar minn dawk li diġà kellhom iħarsu.

B'hekk is-Santa Sede, bil-mod il-mod, saret inqas esiġenti filli tapplika din il-liġi tal-klawsura forzata fuq is-sorijiet. Bosta monasteri fl-Italja u pajjiżi oħrajn baqgħu kif kienu qabel, jiġifieri, monasteri miftuħin. Ta' min jgħid ukoll li din il-liġi ta' klawsura forzata kellha konsegwenzi koroħ fuq dawk il-monasteri foqra, li kienu baqgħu miftuħin għax ma kellhomx renti fissi, u għalhekk ma setgħux jingħalqu fi klawsura. Kien hemm ukoll każi ta' tfajliet li kienu jiddaħħlu bil-fors fil-monasteri miftuħin biex il-familji tagħhom ma jnaqqsux ir-rikkezzi tagħhom minħabba doti ta' żwiġijiet. Dawn sabu ruħhom f'sitwazzjoni li qatt ma ħolmuha: mhux biss imdaħħlin f'kunvent bil-fors, imma saħansitra imsakkrin fil-klawsura! Ir-rejazzjoni kienet ovvja, ukoll mill-awtorità ċivili, li kellha kull interess biex din l-istituzzjoni soċjali ta' rimedju għal bosta familji ma tiġix imħarbta mill-awtorità tal-Knisja.

B'hekk kienu diversi l-monasteri fl-Italja li baqgħu monasteri miftuħin. Fil-pajjiżi ta' l-Ewropa fejn kienet qabdet l-art ir-riforma Protestanti, iżda, kien bosta dawk il-monasteri li kienu qed jitħabtu

biex ikomplu, u dan kien jitlob minnhom li ma jkunux monasteri ta' klawsura. Hekk sa l-istess isq-fijiet fl-Olanda ma riedux jimplementaw id-digrieti ta' "Circa pastoralis".

Fuq dehra ġenerali, iżda, l-maġġoranza tal-monasteri miftuħin spiċċaw biex aċċettaw li jsiru monasteri tal-klawsura. Ma kienx għadhom jeżistu sorijiet Franġiskani mogħtijin għall-ħidma kari-tatevoli imma biss sorijiet tal-klawsura Franġiskani li kienu iddedikati biss għat-talb u għall-ħidma fi ħdan l-istess monasteri. B'hekk l-effett tal-Konċilju ta' Trento kien dak li abolixxa stil ta' ħajja reliġjuża li kienet ilha preżenti fil-Knisja sa minn żmien il-Papa Martin V fl-1428. It-trasformazzjoni tas-Sorijiet Terzjarji f'sorijiet tal-klawsura kienet ċerta-ment f'oppożizzjoni għall-kariżma oriġinali ta' l-Ordni tal-Penitenza ta' San Franġisk.

### *Is-Sorijiet Franġiskani fil-klawsura*

Fil-klima tal-kontroriforma Kattolika tas-seklu 16 il-vokazzjonijiet għall-ħajja Franġiskana fem-minili ma naqsux, lanqas f'monasteri tal-klawsura. Parti minn din il-kontroriforma, li seħħet bejn is-snin 1530-1560 kienet it-twelid ta' diversi istituti ta' ideali Franġiskani fi ħdan l-istess Ordni tal-Patrijiet Minuri ta' l-Osservanza Regolari. Eżempji huma r-Riformati fl-Italja, l-Iskalzi, jew Alkantarini fi Spanja u r-Rikolletti fi Franza, Ġermanja u Ingilterra. Barra mill-Osservanza Franġiskana twieldet il-familja tal-Kappuċċini. Dawn il-familji ġodda reliġjużi kienu ta' għajnuna għas-sorijiet Franġiskani tat-Tielet Ordni.

Fost dawn is-Sorijiet Terzjarji li kienu baqgħu jgħixu fil-klawsura insibu dawk ta' l-Olanda u l-Belġju, li kienu msejħin tar-"Riforma ta' Limbourg". Din inbdiet minn Jeanne Neerinck (twieldet Gand, Belġju 1576 – mietet Luxembourg 1648). Kienet daħlet mas-Sorijiet Griżi f'Gand, li kienu jħarsu r-Regola tat-Tielet Ordni Regolari ta' San Franġisk, mogħtija mill-Papa Ljun X fl-1521. Jeanne riedet li s-sorijiet tal-monasteru tagħha jgħixu ħajja kontemplattiva u penitenzjali, bl-għajnuna tal-Patrijiet Minuri Rikolletti. Fl-1623 waqqfet monasteru f'Limbourg. Dawn kienu so-rijiet tal-klawsura li kellhom kostituzzjonijiet mik-tubin mill-Franġiskan Rikollett Pierre Marchant (1585-1661). Din il-familja reliġjuża ġiet approva-ta minn Urbanu VIII fl-1634.

Familja oħra klawstrali kienet dik tas-Sorijiet Franġiskani ta' l-Omm Imnikkta (l-Addolorata). Dawn twaqqfu minn missjunarju Franġiskan Osservanti, Antonio Margil de Jesus, fl-1683, f'San Juan del Rio fil-provinċja ta' Queretaro fil-Messiku, bil-kollaborazzjoni ta' Beatrice Flores (1665-1745). Din il-familja reliġjuża hi l-eqdem waħda fost it-Terzjarji Regolari nisa li mill-bidunett ħaddnet il-klawsura.

### *Istituti femminili ta' karità*

Fl-istess żmien li fih kienu baqgħu joktru istituti monastiċi femminili, anke Franġiskani, insibu l-iżvilupp ta' familji reliġjużi femminili mogħtijin għall-ħidma ta' karità. Fost l-aktar importanti ta' min isemmi lil San Viċenz de Paul li, flimkien ma' Santa Louise de Marillac, fl-1633 waqqaf is-Sorijiet tal-Karità. San Ġwann Battista de la Salle, fl-1682 waqqaf il-Freres ta' l-Iskejjel Kristjani, għall-edukazzjoni taż-żgħażagħ. Sant'Angela Merici, Terzjarja Franġiskana, kienet waqqfet is-Sorijiet Ursolini fl-1535. Santa Franġiska Frémoit de Chantal fl-1610 waqqfet lis-Sorijiet tal-Viżitazzjoni, bl-għajnuna ta' San Franġisku de Sales. Dawn il-familji reliġjużi kienu kawża ta' tiġdid fi ħdan il-familja Franġiskana, fis-sens li ispiraw diversi isti-tuti femminili Franġiskani ġodda mogħtijin għall-ħajja ta' apostolat.

### *L-ewwel kongregazzjonijiet Franġiskani "ġodda"*

L-ewwel familja reliġjuża li nsemmu kienet imsejħa "The English Dames of Mary Ward" (1609-1610). Għalkemm din ma kienetx istituzzjoni Franġiskana, imma kellha teżerċita influss qawwi fuq diversi familji Franġiskani femminili li twieldu f'dan il-perjodu. Din il-familja reliġjuża twieldet bil-ħidma ta' Mary Ward, mara nobbli Ingliża li kienet tgħix fil-belt ta' Saint-Omer (Flandrja). Kienet komunità ta' nisa Kattoliċi li kellhom jiġu jgħixu fil-Belġju minħabba l-persekuzzjonijiet Anglikani. Huma kienu jmexxu skejjel u ospizi għan-nobilità Ingliża. Il-fundatriċi kienet ħolqot diversi tipi ta' nisa reliġjużi: novizzi, skolastiċi b'voti sempliċi perpetui, koadjuturi b'voti sempliċi perpetui, u sorijiet professi b'voti solenni. Ma kell-homx l-obbligu tal-klawsura u tal-kor, u kienu jimxu fuq il-kostituzzjonijiet tas-Soċjetà ta' Ġesù. Sfortunatament Mary Ward spiċċat eżaminata mill-Inkwiżizzjoni u fit-13 ta' Jannar 1631, il-bulla ta' Urbanu VIII, "Pastoralis romani pontificis" issop-primiet din il-familja reliġjuża. Wara l-mewt ta' Mary Ward dawn in-nisa reliġjużi baqgħu jgħixu privatament taħt l-isem "Istitut ta' l-Imqaddsa Verġni Marija". Fl-1877 dan l-Istitut reġa' ġie approvat mill-Knisja, u fl-1908 Piju X irrikonoxxa

lil Mary Ward bħala l-fundatriċi. Illum il-ġurnata dan l-istitut hu mifrux ħafna. Hu magħruf bl-ismijiet "Institutum Beatae Mariae Virginia", "Institute of the Blessed Virgin Mary of the Sisters of Loreto" fl-Irlanda u f'Toronto.

Istitut ieħor kien dak tal-"Figlie di San Francesco d'Assisi", li twaqqaf f'Pisa, l-Italja, fl-1611. L-ewwel Sorijiet Terzjarji bdew jgħixu fil-komunità taħt id-direzzjoni tal-Franġiskani Riformati f'Borgo a Mozzano, qrib Lucca. Għalkemm il-kongregazzjoni qatt ma laħqet numri kbar, hi waħda mill-eqdem kongregazzjonijiet ta' Sorijiet Franġiskani.

Ftit taż-żmien wara, fl-1623, twaqqfu s-"Sorijiet Eliżabettini" f'Aachen, fil-Ġermanja. Huma kienu jħarsu ħajja reliġjuża magħmula minn opri ta' karità u mhix marbuta mal-klawsura. Il-kongregazzjoni twaqqfet minn Apollonia Radermecher (1571-1626). Fl-1622 l-awtoritajiet ta' Aachen ħallew f'idejha t-tmexxija ta' l-isptar lokali, fl-għajnuna tal-Franġiskani Osservanti f'Cologne. Fl-1626 l-ewwel sorijiet ħadu t-tonka tas-Sorijiet Terzjarji, u poġġew lilhom infushom taħt il-protezzjoni ta' Santa Eliżabetta. Fl-1671 tferrxu f'Luxembourg u mbagħad fi Graz (1690).

Il-"Franġiskani ta' l-Immakulata Kunċizzjoni ta' Sebenik" (1673) twieldu fil-Kroazja, minn gruppi ta' Sorijiet Terzjarji Penitenti Franġiskani li kienu jgħixu f'dawn l-inħawi qrib il-patrijiet Franġiskani. Is-sorijiet kienu jiddedikaw ruħhom għall-assistenza tal-morda u l-foqra u kellhom karatteristika tipika tar-reliġjużi nisa fil-Kroazja, jiġifieri li jgħinu lis-saċerdoti fil-knejjes. Kienu jipprofessaw it-Regola tat-Tielet Ordni Regolari mogħtija minn Ljun X, li ittraduċew fil-lingwa Kroata. Sa l-1922 kienu preżenti biss f'Sebenik, imma llum l-Istitut hu preżenti fi Franza, Awstrja u Ġermanja, kif ukoll f'ħafna postijiet fil-Kroazja u d-Dalmazja.

## *Il-Konservatorji u d-Djar ta' Karità*

Waħda mill-istrutturi karatteristiċi ta' dawn il-komunitajiet ġodda ta' Sorijiet Franġiskani kienet dik tal-"konservatorju". Din il-kelma tindika "kunvent ta' nisa li ma jgħixux fil-klawsura u ma jagħmlux voti, u li jgħixu bil-karità u bl-assistenza ta' fondi pubbliċi, bl-iskop li jdaħħlu magħhom tfajliet foqra li ma jkollhomx dota". Il-kelma tfisser ukoll "konservazzjoni" jew protezzjoni ta' tfal u żgħażagħ foqra mill-perikli morali. Kienet tingħata edukazzjoni lill-membri ta' dawn il-konservatorji. Fis-seklu 19, imbagħad, il-kelma "konservatorju" kienet tinkludi kunventi li jkollhom skola primarja li fiha joqogħdu t-tfal, kif ukoll xi istituzzjonijiet karitatevoli oħrajn li kienu distinti mill-monasteri ta' nisa kontemplattivi.

L-awtoritajiet ekkleżjastiċi dejjem approvaw dawn l-istituzzjonijiet, għax kienu djar ta' nisa devoti mogħtijin għal għemejjel ta' karità. Isem ieħor li, xi mindaqqiet kien jingħatalhom, kien dak ta' "Djar ta' Karità". Interessanti li, ukoll f'Malta u Għawdex, sallum, xi istituzzjonijiet ta' karità li twaqqfu fis-seklu 19 baqgħu jissejħu Konservatorji jew Djar ta' Karità. Eżempji jinkludu l-Konservatorju Vincenzo Bugeja, u l-Konservatorju Adelaide Cini f'Santa Venera, u d-Dar ta' Karità tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù fir-Rabat ta' Għawdex.

## *Kongregazzjonijiet Franġiskani ġodda oħrajn*

Il-"Franġiskani Missjunarji ta' Assisi" ("del Giglio", 1702). Dan l-istitut inbeda minn P. Giuseppe Antonio Marcheselli, Franġiskan Konventwal, u Angela Maria del Giglio, Terzjarja Franġiskana. L-iskop ta' din il-familja reliġjuża kien li taqdi fil-ħidma ta' edukazzjoni ta' tfal orfni u foqra, tal-morda u fil-ħidma parrokkjali u missjunarja. L-istitut beda bħala Konservatorju, taħt il-protezzjoni ta' l-isqof ta' Assisi u b'affiljazzjoni mal-Patrijiet Minuri Konventwali. Fl-1822 Piju VII ta lil dan l-istitut l-isem ta' "Monastero del Giglio". Bħal bosta istituti oħrajn reliġjużi fis-seklu 19, dawn is-sorijiet sofrew żewġ soppressjonijiet, dik Napoljonika fl-1810 u dik Taljana fl-1860, imma baqgħu sħaħ fil-ħidma karitattiva tagħhom.

Is-Sorijiet Franġiskani Terzjarji ta' Bressanone (1700), twieldu f'din il-belt li, sa l-1919 kienet taħt il-ħakma ta' l-Imperu Awstro-Ungeriż. Twieldu bil-ħidma ta' Maria Hueber (1653-1705), li kienet Terzjarja Franġiskana. Id-direttur spiritwali tagħha kien Franġiskan, P. Isidore Kirnigl, li ħeġġiġha biex tikkonsagra ħajjitha għall-kura ta' tfajliet foqra. L-istitut żviluppa bil-mod ħafna, minħabba restrizzjonijiet kbar mill-awtoritajiet ċivili. Imma l-iskejjel li fetħu dawn is-sorijiet kienu, għal bosta snin, l-aħjar skejjel fir-reġjun tal-muntanji Dolomiti. Is-Sorijiet ipprofessaw ir-Regola ta' Ljun X (1521) u kellhom il-kostituzzjonijiet tagħhom approvati mill-Kapitlu tal-Franġiskani Riformati (1724) u mill-isqof ta' Bressanone. Kienu jgħixu fil-professjoni ta' voti sempliċi perpetwi bil-klawsura episkopali, biex jingħataw għall-apostolat skolastiku. P. Capistran Soyer (+1865) kien il-kunsillier u d-direttur ta' dawn is-sorijiet għall-ewwel nofs tas-seklu 19, u min-nukleju oriġinali l-kongregazzjoni żviluppat f'erba' kongregazzjonijiet reliġjużi indipendenti, is-Sorijiet Franġiskani ta' Bressanone, ta' Bolzano-Bosen, ta' Caldano-Kaltern u ta' Rio Punteria-

Muhlbach, kollha dedicati għall-edukazzjoni ta' tfajliet. Il-Kongregazzjoni ħaddnet ir-Regola tat-Tielet Ordni Regolari mogħtija minn Piju XI fl-1927, u ġiet approvata mill-isqfijiet ta' Bressanone, Trento u Innsbruck.

### *L-Illuminiżmu u l-bidu ta' l-era Napoljonika*

It-tieni nofs tas-seklu 18 kien immarkat b'ostilità dejjem aktar lejn l-istituzzjonijiet ta' ħajja reliġjuża mill-awtorità ċivili ta' bosta pajjiżi Ewropej. Dan kien l-effett ta' dak il-moviment imsejjaħ "Illuminiżmu", li wassal għar-rivoluzzjoni Franċiża ta' l-1789. Dan kien isostni l-raġunament uman kien biżżejjed biex waħdu jaffronta kull problema ta' reliġjon, u li għalhekk ir-rwol tal-Knisja ma kienx importanti. J. Lortz, *Storia della Chiesa*, II, Paoline, 1973, p. 17, jafferma li l-Illuminiżmu kien jimmarka t-twelid ta' ċiviltà awtonoma, li kienet indipendenti għal kollox mill-Knisja.

Fil-kamp reliġjuż l-Illuminiżmu wassal għal dik it-tendenza li tissejjaħ "Giuseppinismo". Din il-kelma ġejja mill-imperatur ta' l-Awstrija Joseph II ta' Hapsburg-Lorain (1741-1790). Dan qies lilu nnifsu bħala monarka assoluta u Illuminat li ried ġurisdizzjoni sħiħa anke fuq kwestjonijiet ekkleżjastiċi. Fosti r-riformi tiegħu kien hemm dik dwar ir-reliġjużi, li biha dawk ir-reliġjużi li kienu utli għas-soċjetà għax kienu jagħmlu opri karitattivi kienu tollerati, filwaqt li r-reliġjużi klawstrali u kontemplattivi kienu meqjusin piż żejjed fuq is-soċjetà u għalhekk kienu jiġu soppressi. Dan kien sar mill-1781 permezz ta' Kumissjoni ta' Regolari imwaqqfa mill-istess Imperatur, li kienet tippretendi li taħdem mingħajr l-ebda riferiment għall-awtoritajiet tal-Knisja. B'hekk ingħalqu bosta monasteri femminili wkoll fir-renji tal-Bourboni fi Spanja, Franza, Napli u Sqallija.

### *Is-Sorijiet Għalliema ta' Hallein (1723)*

Dan l-istitut kellu l-bidu tiegħu minn Terzjarja Franġiskana, Maria Therese Zechner. Fl-1723 din bdiet tilqa' tfal foqra fid-dar tagħha biex tagħtihom tagħlim b'xejn. Malajr ingħaqdu magħha xebbiet oħrajn f'din il-ħidma qaddisa, fl-ispirtu tar-Regola tat-Terz Ordni Franġiskan Sekulari. Imma fl-1750 ġew soppressi. Fl-1758 l-Isqof Prinċep ta' Salzburg tahom permess jerġgħu jinġabru flimkien, imma biss għal żmien qasir. L-Isqof Prinċep ta' warajh, Girolamo Colloredo mhux biss issopprimihom, imma talli ma ried l-ebda reliġjużi jidhru bil-libsa tar-reliġjon barra fit-toroq u lanqas li jħarsu r-Regola Franġiskana! B'hekk dawn is-sorijiet kellhom jgħixu fil-moħbi f'kunvent tal-Franġiskani barra minn Salzburg. Meta l-gvern Awstrjak approva l-ħidma favur l-iskejjel, dawn is-sorijiet setgħu jiżviluppaw. Fl-1819 huma aċċettaw ir-Regola ta' Ljun X għat-Tielet Ordni Regolari. Fl-1822 ġew rikonoxxuti bħala "għaqda reliġjuża sempliċi u temporanja". Fl-1842 l-Imperatriċi Carolyn Augusta talbithom iwaqqfu dar fi Vienna. Fl-aħħarnett fl-1902 l-Isqof ta' Salzburg tahom il-permess tat-twaqqif kanoniku bħala istitut ta' voti sempliċi temporanji.

### *Ir-Rivoluzzjoni Franċiża*

Ir-Rivoluzzjoni Franċiża kellha, bħala wieħed mir-riżultati tagħha, il-qerda ta' l-istituzzjonijiet medjevali kollha, inkluża l-Knisja. Imma fl-istess ħin kellha l-effett li tat opportunità ta' żviluppi ġodda, anke fil-ħajja reliġjuża. Ir-Rivoluzzjoni Franċiża kienet ir-riżultat loġiku ta' l-idejiet ta' l-Illuminiżmu fi Franza, li bdew fl-1750 b'Voltaire, Diderot, u Rousseau.

Il-persekuzzjoni tal-Knisja kienet parti integranti mir-Rivoluzzjoni, li attakkat l-aktar l-istituzzjonijiet ekkleżjastiċi, inklużi r-reliġjużi. L-Assemblea Nazzjonali, fit-13 ta' Frar 1790, iddikjarat l-abolizzjoni tal-monasteri kollha ta' l-ordnijiet kontemplattivi. Kienu biss ir-reliġjużi li kienu jieħdu ħsieb tal-morda jew ta' l-edukazzjoni li, tejoretikament, setgħu jkomplu jeżistu, imma kellhom jaqgħu taħt il-kontroll ta' l-Istat, saħansitra fl-għażla ta' kandidati ġodda u professjonijiet reliġjużi.

B'hekk bosta sorijiet Franġiskani kellhom sempliċement jitilqu mill-kunventi, u jmorru lura għand il-familji tagħhom. Fit-12 ta' Lulju 1790 ġiet dikjarata l-Kostituzzjoni Ċivili dwar il-Kleru. Biha l-membri tal-kleru kellhom jieħdu ġurament li jinqatgħu minn taħt l-ubbidjenza tal-Papa u jaqdu biss lill-Istat. Fl-1792 aktar minn 300 saċerdoti u tliet isqfijiet ġew massakrati talli ma aċċettawx li jieħdu l-ġurament. Fosthom insemmu l-martri Franġiskani tat-Tielet Ordni Regolari, Severinus Girault.

Ir-Rivoluzzjoni Franċiża intemmet bil-mewt vjolenti ta' Maximillian Robespierre (27 ta' Lulju 1794). Fl-1795 daħal fix-xena l-Ġeneral Napuljun Bonaparte.

### *Napuljun Bonaparte*

Il-perjodu ta' gloria ta' Napuljun kien dak bejn l-1796 u l-1815. Bħala bniedem frott tar-Rivoluzzjoni Franċiża u l-Illuminiżmu, Napuljun

kien jaqbel li l-Istat kellu d-dritt li jkollu kontroll assolut fuq il-Knisja. Fl-istess ħin, iżda, kien jaf li l-ordni ekkleżjastiku u d-devozzjoni reliġjuża kienu meħtieġa għall-ġid ta' Franza. Fl-1801 għamel konkordat mas-Santa Sede, li bih il-kappillani setgħu jirritornaw fil-parroċċi tagħhom. Napuljun kien jiffavorixxi lis-sorijiet li jgħallmu kull meta kellu x'jaqsam ma' reliġjużi nisa, u partikolarment kien jiffavorixxi lis-Sorijiet Ursolini, li kellhom f'idejhom l-edukazzjoni fi Franza. Imma fi żmien Piju VII (1800-1823) inqalgħet kriżi fir-relazzjonijiet bejn Napuljun u l-Papa, hekk li fil-5 ta' Lulju 1809 Napuljun bagħat lill-Piju VII fil-ħabs u wettaq ukoll xi soppressjonijiet lir-reliġjużi.

## *Ir-Restawrazzjoni*

Ir-restawrazzjoni tirreferi għal dak li kien ġie miftiehem fil-Kungress ta' Vienna (1814-1815). Piju VII reġa' akkwista l-prestiġju li kellu qabel. Ġie deċiż li jsir ritorn għall-qagħda kif kienet qabel Napuljun. Il-Papa reġa' irċieva t-territorji tiegħu fl-Italja. Il-Knisja tħalliet terġa' torganizza l-ħajja istituzzjonali tagħha, u l-Papa reġa' ġie rikonoxxut bħala kap politiku sovran, għalkemm biss fl-ordni spiritwali. Diversi konkordati ġew iffirmati bejn Stati Ewropej u l-Knisja fis-seklu 19. Dan kollu wassal għat-twelid ta' diversi kongregazzjonijiet reliġjużi femminili ġodda, kif naraw fin-numru li jmiss ta' dan l-istudju. Fir-reġistri tal-Kongregazzjoni ta' l-Isqfijiet u r-Regolari jirriżulta li, bejn l-1816 u l-1822 kienu ġew approvati mal-124 istituti reliġjużi ġodda. Fost dawn il-kongregazzjonijiet, li narawhom id-darba li ġejja, jixraq insemmu għalissa dik tal-Franġiskani Eliżabettini ta' Padova.

## *Il-Franġiskani Eliżabettini ta' Padova (1828)*

Din hi kongregazzjoni li turi l-oriġinalità ta' familji reliġjużi femminili ġodda fis-seklu 19. L-Eliżabettini bdew f'Padova fl-1828, meta l-Franġiskana Sekulari Elisabetta Vendramini bdiet tgħix ħajja komuni ma' xi nisa Terzjarji oħrajn, bl-iskop li jagħtu edukazzjoni għal tfajliet foqra u abbandunati. Huma kienu Terzjarji li kienu jsegwu r-Regola ta' Nicolò IV (1289), u la kellhom kunvent u lanqas konservatorju. Is-sorijiet kienu jżommu magħhom xi tfajliet foqra li ma kellhomx fejn joqogħdu. Imma waqt epidemija fl-1836 kellhom jagħalqu l-iskola, u offrew id-dar tagħhom bħala rifuġju għall-morda. Sentejn wara, fl-1838, tħalliet f'idejhom il-kura ta' l-ospizju "Beata Angelina" f'Padova, u hemmhekk huma kienu jieħdu ħsieb in-nisa anzjani u morda, u fl-istess ħin fetħu skola għat-tfal abbandunati. Fl-1845 fetħu orfanatrofju f'Padova. U mbagħad dawn is-Sorijiet Terzjarji bdew jieħdu ħsieb ta' istitut għall-għomja, l-isptar ċivili ta' Padova u l-Ospizju ta' Venezja. Fl-1910 l-Istitut akkwista d-"decretum laudis" pontifiċju, u fl-1913 kellu l-ewwel Kostituzzjonijiet. L-Istitut infirex ukoll fl-Isvizzera, Arġentina, Eġittu u Kenja.

L-iżvilupp interessanti tas-Sorijiet Franġiskani fis-seklu 19 narawh fil-ħarġa li tmiss, partikolarment għal dak li għandu x'jaqsam mat-twelid ta' tliet Kongregazzjonjiet Franġiskani femminili li mall-ewwel kienu preżenti f'Malta u Għawdex: is-Sorijiet Franġiskani Missjunarji tal-Qalb Immakulata ta' Marija, is-Sorijiet Franġiskani Missjunarji ta' Marija, u s-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù, li twaqqfu f'Malta.

# ANGELO CLARENO FRANCESCANO

Din is-sena, l-Konvenju annwali tas-Società Internazionale di Studi Francescani, bis-sede f'Assisi, se jkollu bħala tema l-figura storika ta' Angelo Clareno, l-esponent l-aktar famuż tal-familja Spiritwali ta' l-Ordni Franġiskan fis-seklu 14. Il-Konvenju hu l-34 wieħed fis-sensiela li bdiet fl-1974, u li jinżamm fis-Sala della Conciliazione ta' Piazza del Comune f'Assisi, mill-5 sas-7 ta' Ottubru. Nagħtu ħarsa ħafifa lejn il-kontenuti tal-Konvenju, li normalment jiġbor fih il-krema ta' l-istudjużi ta' l-istorja Franġiskana.

Giulia Barone, professoressa fl-Università ta' Ruma "La Sapienza", titkellem dwar «Ordini Mendicanti dal Concilio di Lione II a Giovanni XXII». Il-Konċilju ta' Lyon ta' l-1274, li għalih kien preżenti San Bonaventura, li miet waqt l-istess Konċilju, kien irregolarizza s-sitwazzjoni ta' bosta mill-Ordnijiet Mendikanti medjevali. Filwaqt li ħalla jgħixu dawk prinċipali, fosthom il-Predikaturi, Minuri, Karmelitani, Agostinjani, Serviti ta' Marija, kien issopprima diversi oħrajn li kienu nibtu għad-dell ta' dawn l-Ordnijiet kbar u kienu jħawwdu l-imħuħ tan-nies għax kienu jippreżentaw ruħhom bħala marbutin ma' Ordnijiet stabiliti. L-Ordni Franġiskan kellu l-akbar pjaga ta' dawn il-movimenti penitenzjali li jqisu lilhom infushom bħala reliġjużi. Eżempji kienu jinkludu l-Ordni ta' l-Appostli u s-Saccati ta' Gerardo Segharelli. Fl-istess ħin, iżda, dawn il-provvedimenti qajjmu reazzjoni fi ħdan it-tendenzi riformaturi ta' l-Ordnijiet il-kbar, għax il-patrijiet bdew jaħsbu li l-Knisja riedet trendi lill-Mendikanti fuq l-istruttura monastika u tagħtihom proprjetà in komuni. Il-Franġiskani Spiritwali għamlu reazzjoni li ħraxet wara l-Konċilju ta' Lyon u laħqet il-quċċata tagħha fil-kontroversja dwar il-faqar bejn il-Papa Ġwanni XXII u l-Franġiskani fl-ewwel kwart tas-seklu 14. Kien dan iż-żmien li fih għex u ħadem Angelo Clareno, li kien strumentali fl-iżvilupp tal-familja tal-Faticelli, li spiċċaw biex jinqagħtu mill-ubbidjenza lejn l-Ordni tal-Minuri biex jiddefendu l-faqar evanġeliku oriġinali li ried San Franġisk, almenu skond kif kienu jifhmuh huma.

David Burr, studjuż u espert dwar l-Ispiritwali Franġiskani, professur fil-Virginia Polytechnic Institute and State University ta' Blacksburg, jitkellem dwar «Angelo Clareno, l'obbedienza ed il commento alla Regola». Clareno kien kiteb kummentarju għar-Regola Franġiskana, li fih hu wera l-ideoloġija li għaliha iġġieled ħajtu kollha, jiġifieri l-osservanza mill-aktar stretta tal-faqar evanġeliku mingħajr proprjetà individwali jew komunitarja. Dan kien ifisser iċ-ċaħda ta' diversi interpretazzjonijiet tal-Papiet li, sa mill-Bulla «Quo elongati» tat-28 ta' Settembru 1230, kienu taw lill-Franġiskani diversi privileġġi rigward l-osservanza tal-faqar permezz ta' eżenzjonijiet mill-obbligi tar-Regola. Dan wassal lil Clareno u lil sħabu l-Fraticelli Spiritwali biex jidħlu f'konflitt mas-superjuri ta' l-Ordni u mal-Papiet. Wara mument ta' libertà taħt il-papat qasir ta' Celestino V (1294), il-Fraticelli kienu sabu ruħhom f'inkwiet kbir mal-Papiet, l-aktar ma' Bonifazju VIII u Ġwanni XXII.

L-istudjuż famuż Felice Accrocca, professur fil-Pontificia Università Gregoriana ta' Ruma, jitkellem dwar it-tema: «'Filii carnis – filii spiritus'. Il-'Liber chronicarum sive tribulationum Ordinis Minorum'». Din hi l-opra letterarja l-aktar famuża ta' Angelo Clareno, li jħares lejn l-ewwel mitt sena ta' l-Ordni Franġiskan bħala storja ta' seba' tribulazzjonijiet jew persekuzzjonijiet. Illum il-ġurnata din l-opra ġiet tradotta fil-lingwi prinċipali, u saret oġġett ta' studju interessanti. Angelo Clareno jara l-ewwel tribulazzjoni fil-fatti li seħħew meta San Franġisk irritorna mill-Art Imqaddsa fl-1220 u sab l-Ordni ta' taħt fuq, irriżenja u ħalla t-tmexxija ta' l-Ordni. It-tieni tribulazzjoni kienet dik ta' żmien Fra Elia, Ministru Ġeneral mill-1232 sa l-1239. Fiha sofrew ħafna l-ewwel sħab ta' San Franġisk, l-aktar Bernardo da Quintavalle u Caesar minn Speyer. It-tielet tribulazzjoni kienet dik ta' żmien il-Ministru Ġeneral Crescenzio da Iesi (1244-1247), li kien ħadha qatta' bla ħabel kontra l-Ispiritwali tal-Marche di Ancona. Ir-raba' tribulazzjoni seħħet waqt il-ġeneralat ta' Giovanni Buralli da Parma (1247-1257), li kien simpattizzanti ta' l-Ispiritwali u li ġie depost u eżiljat minn San Bonaventura. Il-ħames tribulazzjoni kienet dik li sofrew l-Ispiritwali fi Provence, l-aktar Pierre Jean Olieu (Olivi), l-aktar esponent famuż ta' l-Ispiritwali fi Franza. Is-sitt tribulazzjoni seħħet fit-Toscana, fejn kien persegwitat mill-Inkwiżizzjoni l-Franġiskan Ubertino da Casale, awtur ta' opra intitolata «Arbor vitae crucifixae Iesu» (Is-siġra tal-ħajja ta' Ġesù Msallab). L-aħħar tribulazzjoni Angelo jaraha fi żmienu, waqt il-persekuzzjoni ħarxa tal-Papa Ġwanni XXII, li ried jeqred il-Fraticelli. Ta' min jgħid li Angelo Clareno innifsu kien spiċċa ħajtu fl-eżilju f'Santa Maria dell'Aspromonte, fil-Basilicata, fl-1334. Bosta mill-Fraticelli li kienu ikkundannati mill-Inkwiżizzjoni kienu ħarbu lejn ir-Renju ta' Sqallija,

'l bogħod mill-Inkwiżizzjoni papali.

Marco Bartoli, studjuż magħruf fil-qasam Franġiskan, jitkellem dwar «La dimensione escatologica del dibattito tra Spirituali e Comunità tra secolo XIII e XIV». It-tema ta' din il-konferenza tmiss il-problema taħraq tar-relazzjonijiet fi ħdan l-Ordni tal-Minuri wara żmien San Bonaventura, meta l-patrijiet hekk imsejħin «zelanti», li jiġu ekwiparati ma' l-Ispiritwali, bdew jidħlu f'konflitt mat-tmexxija tal-«communitas ordinis», li kienet tikkomprendi l-maġġoranza tal-patrijiet, u li kienet aċċettat bla problemi l-interpretazzjonijiet papali dwar ir-Regola Franġiskana. It-termini li jużа Bartoli, «Spirituali» u «Comunità», huma magħżulin tajjeb, u huma ħafna aktar eżatti mid-diviżjoni «Spirituali-Conventuali» ta' Moorman u ta' dawk l-istudjużi li jitkellmu minn konventwależimu fl-Ordni diġà fis-seklu 13. It-tema eskatoloġiku, marbut ma' l-istennija ta' l-aħħar żminijiet u mad-dimensjoni profetika ta' San Franġisk u dawk il-patrijiet li kienu jħossuhom l-aktar fidili lejh, kellha riperkussjonijiet negattivi fuq l-Ordni, li ġie suspettat li kien jisimpatizza mad-duttrina eskatoloġika ta' l-abbati Gioacchino da Fiore. L-istess Giovanni da Parma kien ġie depost minn Ministru Ġeneral proprju minħabba li kien juri simpatiji lejn dawn it-teoriji.

Michael F. Cusato, professur f'Saint Bonaventure University ta' New York, jitkellem dwar it-tema «Where are the 'Poor' in the Writings of Angelo and the Franciscan Spirituals?» Id-duttrina hekk imsejħa «pauperistica» kienet qabet l-art fl-Ordni Franġiskan fis-seklu 13, u kienet issostni li Kristu u l-Appostli ma kellhomx proprjetà, u li għalhekk ir-Regola Franġiskana kienet kopja fidila ta' l-Evanġelju. Dan seta' wassal għal attakki kontra l-Knisja, li kienet tidher istituzzjoni ta' prestiġju u qawwa ekonomika u politika. Il-Franġiskani kienu midħla ta' dan is-suġġett. Angelo Clareno, fil-fatt, ma kienx aħrax kontra l-Knisja bħala istituzzjoni, imma l-kuntrasti tiegħu mal-mexxejja ta' l-Ordni kienu wassluh biex jitlob lill-Papa Celestino V fl-1294 biex jipproteġi lilu u lil sħabu, billi għaqqadhom flimkien f'Ordni reliġjuż ġdid li semmieh «Poveri eremiti di Papa Celestino». L-istess isem juri x'kienu t-tendenzi radikali ta' dan il-grupp li, fil-fatt, ġie soppress minn Bonifazju VIII imma li baqa' jgħix fl-idejali tal-Fraticelli.

Paolo Vian, tal-Biblioteca Apostolica Vaticana, jitkellem dwar «Ubertino da Casale e Angelo Clareno: due itinerari a confronto». Għidna li Ubertino da Casale kien wieħed mill-esponenti tal-familja Spiritwali li kiteb trattat jismu «Arbor vitae crucifixae Jesu». Ma' Angelo Clareno u Pierre Jean Olivi nistgħu inqisu lil Ubertino bħala esponent intellettwali ta' l-Ispiritwali, biex inneħħu l-idea żbaljata li l-Ispiritwali kienu xi grupp ta' patrijiet illitterati u bla skola. Il-verità storika turina li huma iddefendew l-ideali tagħhom b'kitbiet mirqumin u bi preparazzjoni teoloġika soda.

Roberto Lambertini, mill-Università ta' Macerata, jitkellem dwar it-tema «Identità e tensioni minoritiche nella Marchia di Angelo Clareno». Il-Marche ta' Ancona kienu r-reġjun li fih twieldet il-familja ta' l-Ispiritwali fl-Italja, u minn fejn ħarġu l-esponenti l-aktar famużi ta' din il-familja. Angelo, li qabel bidel ismu kien jismu Pietro di Fossombrone, kien ġej proprju minn dan ir-reġjun, li fil-fatt jinsab qrib ħafna ta' l-Umbria, fejn twieled il-moviment Franġiskan.

L-aħħar żewġ konferenzi huma iħarsu lejn l-aspetti ekkleżjastiku u politiku tar-relazzjonijiet li kellu Angelo Clareno. Jürgen Miethke, ta' l-Università ta' Heidelberg, jitkellem dwar il-Papa Ġwanni XXII u l-movimenti «pauperistici», li l-akbar esponenti tagħhom kienu l-Ispiritwali Franġiskani. Paolo Evangelisti, tal-Biblioteca della Camera, Roma, jitkellem dwar «Relazioni di potere ed etiche per il potere: Clareno, Filippo di Maiorca e la testualità politica francescana catalano-aragonese».

Il-figura ta' Angelo Clareno hi ċertament valutata mill-ġdid minn studjużi ta' żminijietna, li qed jiskopru kif il-moviment ta' l-Ispiritwali Franġiskani, inklużi dak tal-Fraticelli ta' Clareno, kien ħafna aktar minn sempliċi moviment ta' fundamentalisti li irriskjaw il-kundanna ta' l-Inkwiżizzjoni papali minħabba l-ereżija. Kien moviment ta' persuni li ġenwinament kienu konvinti li kienu jridu jgħixu l-mudell ta' ħajja evanġelika li ħaddan Franġisku ta' Assisi, u li l-istorja tathom raġun f'nofs is-seklu 14, meta mill-fdalijiet tagħhom twieled l-akbar moviment ta' riforma fi ħdan l-Ordni Franġiskan, dak ta' l-Osservanza Regolari fl-Italja. Kienu wkoll huma li jiggarantixxu, b'ċertu mod, il-kontinwità storika ma' San Franġisk u l-ewlenin sħabu, mingħajr bl-ebda mod ma kellhom l-ebda pretensjoni li jiċħdu l-eżistenza tal-familja tal-«Communitas Ordinis» li l-Knisja kienet tqisha bħala l-mezz ewlieni tat-tixrid tal-messaġġ ta' San Franġisk fid-dinja tal-predikazzjoni u tal-kultura universitarja. Iż-żewġ tendenzi kienu t-tnejn importanti u vitali biex l-Ordni Franġiskan żviluppa kif żviluppa mis-seklu 15 'il quddiem, fuq linji differenti imma wkoll komplementarji.

# KOTBA:

### *Fra Diego Bonanno*

ĠORĠ AQUILINA OFM, *Fra Diegu Bonanno ofm. Franġiskan li ħaseb fil-fqir,* Publishers Enterprises Group (PEG) Ltd., San Ġwann, Malta 2006, ISBN – 13: 978-99909-0-445-1.

Wara snin ta' stennija ħerqana, li fihom l-istoriku P. Ġorġ Aquilina OFM għamel riċerka akkurata u kompluta f'diversi arkivji, l-aktar f'dak tal-Patrijiet Franġiskani, issa għandna f'idejna bijografija definittiva tal-filantropu Malti l-Franġiskan Fra Diegu Bonanno OFM (1831-1902). Għalkemm diġà ġew pubblikati xi studji parzjali dwar Fra Diegu, nistgħu ngħidu li din hi l-ewwel darba li għandna f'idejna mhux biss bijografija ta' qari ħafif u mexxej, imma wkoll apparat kritiku ta' noti u riferimenti imprezzabbli, u ġabra tad-dokumenti oriġinali li l-istudjuż ikkonsulta. Fil-fatt, il-veru mertu tal-ktieb jinsab mhux biss fl-istorja li jirrakkonta daqskemm fis-serjetà ta' dokumentazzjoni storika u xjentifika li hemm miġbura fih.

Il-ktieb fih preżentazzjoni mill-Ministru Provinċjal tal-Patrijiet Minuri, P. Pawl Galea OFM, li jirreferi għall-okkażjoni taċ-ċelebrazzjoni ta' għeluq il-mitt sena mill-mewt ta' Fra Diegu Bonanno, li saret fi Pjazza San Pawl, il-Ħamrun, quddiem il-monument nazzjonali ta' dan il-fra umli Franġiskan, nhar l-14 ta' Mejju 2002. Dakinhar P. Ġorġ kien għamel diskors kommemorattiv, li fih kien semma l-punti kollha li mbagħad jiżviluppa f'din il-bijografija.

Ċertament ħadd daqs P. Ġorġ ma seta' jikteb bijografija bħal din dwar Fra Diegu, minħabba l-fatt li hu kellu aċċess għall-materjal li hemm miġbur fl-arkivju provinċjali tal-kunvent ta' Santa Marija ta' Ġesù, Valletta. Kien xieraq li dan il-materjal jintuża biex ikun ippubblikat minn Franġiskan li jirrakkonta ġrajja ta' wieħed mill-ulied l-aktar denji li kellha l-Provinċja Franġiskana Maltija (għalkemm meta miet Fra Diegu l-Franġiskani Maltin kienu għadhom Kustodja u saru Provinċja awtonoma biss fit-13 ta' April 1914). Kien għalhekk li, għalkemm bosta kienu ħasbu li l-Franġiskani ma kienux interessati joħorġu l-fatti tal-ħajja ta' Fra Diegu, din kienet ilha ġejja minħabba l-fatt li P. Ġorġ mexa bi prudenza kbira u b'paċenzja ta' ċertosin biex ikun żgur li jkollu quddiemu stampa ċara mhux biss tal-ħajja ta' Fra Diegu, imma wkoll tal-kontorn soċjo-politiku u ekkleżjastiku li fih għex.




Il-ktieb jirrakkonta l-ġrajja ta' Fra Diegu, il-vokazzjoni tiegħu, il-fatti li ġabuh wiċċ imb'wiċċ mal-faqar u l-miżerja, il-ħidma tiegħu filantropika, it-twaqqif ta' l-Istitut San Franġisk fil-Ħamrun, u l-funeral imponenti li sarlu wara mewtu. Jirrakkonta wkoll il-prova li għaddew minnha Fra Diegu u l-patrijiet meta dan kien marad. Imma l-ktieb fih ukoll elementi ġodda li nistgħu ngħidu li joffru bħall-kontorn li mingħajru ma tifhimx il-ġrajja ta' Fra Diegu: il-qagħda soċjali u ekonomika ta' Malta fis-seklu 19; il-kollaborazzjoni ta' Fra Diegu mas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù; is-sehem li kellhom il-Patrijiet Franġiskani fit-tmexxija ta' l-Istitut San Franġisk wara l-mewt ta' Fra Diegu u r-raġunijiet għaliex ġew kostretti jitilquh; id-dokumentazzjoni kollha rigward il-monument nazzjonali li ġie inawgurat fis-16 ta' Ottubru 1932 fil-Ħamrun, fejn għadu jiddomina sallum fi Pjazza San Pawl.

Il-ktieb qed jiġi ippubblikat f'għeluq il-mitt sena mill-inawgurazzjoni ta' l-Istitut San Franġisk, li Fra Diegu ma kellux ix-xorti jarah mitmum. Jinkludi fih diversi ritratti storiċi, bibljografija kompluta, lista ta' dokumenti li jinsabu fl-arkivji u indiċi analitiku. Il-ktieb hu tassew tentattiv li rnexxa biex studjuż ta' l-istorja bħal P. Ġorġ joffri lill-pubbliku Malti bijografija popolari, u lill-istudjużi l-apparat kollu meħtieġ għal konfront serju u xjentifiku rigward il-fatti tal-ħajja ta' dan il-Franġiskan umli li ħaseb fil-fqir.

### *Giorgio La Pira*

MARCELLO BADALAMENTI OFM, *Giorgio La Pira Francescano. Fare della fede la vita*, Pazzini Editore, Villa Verucchio, Rimini 2006, ISBN – 10:88-89198-99-0.

Dan hu studju interessanti dwar figura kristjana fix-xena politika Taljana tas-seklu li għadda, li kien membru ta' l-Ordni Franġiskan Sekular, Giorgio La Pira, Sindku ta' Firenze. L-awtur hu Franġiskan tal-Provinċja ta' Sqallija ta' l-Isem Imqaddes ta' Ġesù, li attwalment jinsab fl-Art Imqaddsa bħala viċi-mastru tan-novizzi f'Betleħem. Hu wkoll professur tat-Teoloġia Morali fil-Pontificia Università Antonianum ta' Ruma, u awtur ta' diversi kotba dwar ħajja reliġjuża u spiritwalità.

Il-ktieb mhuwiex bijografija ta' dan il-persunaġġ li kien kapaċi jkun politiku li jaf jinżel għarkobbtejh biex jitlob bl-umiltà, imma pjuttost riflessjoni fuq il-messaġġ kristjan tiegħu favur il-ħidma għall-paċi. Jagħti ħarsa lejn il-proċess ta' konverżjoni tiegħu, u lejn l-impenn tiegħu bħala nisrani u Franġiskan awtentiku, l-aktar b'riferimenti kontinwi għall-ittri li hu kiteb u d-diskorsi li għamel matul il-karriera politika tiegħu.

Fuq kollox juri kemm bniedem bħal La Pira, li kien Franġiskan Sekular, fehem il-vokazzjoni tiegħu li jkun ħmira evanġelika fid-dinja, ukoll fil-qasam tal-ħidma politika. Din il-figura hi ta' stimolu biex il-Franġiskani Sekulari jifhmu aħjar is-sejħa tagħhom li jkunu xhieda kristjani fid-dinja politika, fejn bosta drabi jidħlu fi kriżi l-valuri ta' l-umanità, ġustizzja u onestà li huma imprezzabbli għall-kisba ta' paċi dejjiema.

### *Santa Klara*




*Clare of Assisi. Early Documents. The Lady,* Revised Edition and Translation by Regis J. Armstrong OFMCap., New City Press, New York – London – Manila 2006.

Dan il-volum hu reviżjoni ta' volum li kien diġà ġie ippubblikat darbtejn minn Regis J. Armstrong. L-iskop tiegħu li jipprovdi volum komplementarju għat-tliet volumi ta' *Francis of Assisi. Early Documents*, li huma l-verżjoni uffiċjali tal-Fonti Franġiskani bil-lingwa Ingliża.

«This volume takes a big step toward making Clare and her story accessible to a wide audience. General readers and those beginning with the voice of Clare in her writings. Poor Clares will want this volume because of its revised translations» (Ingrid Peterson OSF, author of *Clare of Assisi: A Biographical Study*).

MARIA PIA ALBERZONI, *Clare of Assisi and the Poor Sisters in the Thirteenth Century,* Edited by J.F. Godet-Calogeras, Franciscan Institute Publications, St. Bonaventure University, NY 2004, pp. 240, ISBN: 1-57659-192-1, US$ 22.00.




Fis-serje ta' artikli ippubblikati f'dawn l-aħħar 10 snin, Maria Pia Alberzoni tatna dehra ġdida ta' l-oriġini tal-moviment Franġiskan femminili. Il-qari attent tagħha tal-*Fontes* joffrilna żewġ kontribuzzjonijiet importanti. Qabel xejn, hi tikkonferma r-rwol kritiku tal-ġerarkija ekkleżjastika, partikolarment tal-kardinal Ugolino (Papa Girgor IX) fil-formazzjoni tal-moviment reliġjuż femminili tas-Sorijiet Foqra ta' San Damiano. Imbagħad tagħmel analiżi tar-relazzjonijiet bejn Klara u l-patrijiet Minuri, u bejn il-patrijiet u l-moviment monastiku femminili in ġenerali, u turi kemm kien ikkumplikat il-proċess ta' istituzzjonalizzazzjoni ta' Ordni ta' sorijiet klawstrali. Din it-traduzzjoni bl-ingliż ta' l-opra oriġinali bit-taljan tgħin lill-medjevalisti u storiċi reliġjużi oħrajn li jixtiequ jifhmu l-varjetà tal-movimenti reliġjużi femminili fl-Italja u r-relazzjonijiet kumplessi tagħhom ma' l-Ordni Franġiskan.

Biex wieħed jordna kotba mill-Franciscan Institute Publications, jew jitlob katalogu, jista' jikkuntattjahom f'dawn l-indirizzi:

Franciscan Institute Publications
The Franciscan Institute
St. Bonaventure University
St. Bonaventure, NY 14778 USA

Website: http://franciscanpublications.sbu.edu
Email: franinst@sbu.edu
Fax: 1-800-541-2525

# «Living the Gospel Today»

*Mill-Instrumentum Laboris tal-Kapitlu Ġenerali Straordinarju 2006*

"

*We are called on to live at the beginning of the third millennium. The Christian faith, faced by a technological, computerised world and its crises: underground wars, terrorism and globalisation, is exposed to all the questions and challenges about God, about His entry into history in the person of Jesus, about the nature of man and about the meaning of his life and death. The Church also is questioned: its role and influence in the world are reduced to banality and opposed. Our Franciscan Family is marked by crisis: numerical reduction, uncertainty about our identity, the temptation of abandonment and of discouragment. Only our referral of self to the Gospel, of which the Rule wishes to be a vital summary, can help us to respond with confidence, imagination and courage to these multiple challenges ... It happens that some present-day challenges have not been accepted in a proper way. We could characterise and sumarise them in a single formula: freeing ourselves from self-centredness, or the referring of all to ourselves, in order to open up to dialogue. This means not concentrating on ourselves alone, on our origins and traditions, without re-situating the latter by referring them to their context and without situating ourselves within a broader whole of which we form a part. We are not an autonomous island, but a small region of a more vast continent: the world and, within it, the Church. Let us not forget that our Order is a small part of the great Franciscan Family, formed by an overwhelming majority of lay (SFO) and consecrated people (TOR): it would be grave, neither fraternal or "ecumenical", to behave as if we were alone.*

*Kummissjoni Preparatorja*
*għall-Kapitlu Ġenerali Straordinarju 2006.*

"

## Abbrevjazzjonijiet

**Kitbiet ta' S. Franġisk**

| | |
|---|---|
| *Adm* | Admonitiones. |
| *CantAudPov* | Cantico Audite Poverelle. |
| *CantSol* | Canticum fratris Solis. |
| *LaudDei* | Laudes Dei Altissimi. |
| *BenLeo* | Benedictio fratri Leoni data. |
| *EpAnt* | Epistola ad sanctum Antonium. |
| *EpCler I* | Epistola ad Clericos (Redactio prior). |
| *EpCler II* | Epistola ad Clericos (Red. posterior). |
| *EpCust I* | Epistola ad Custodes I. |
| *EpCust II* | Epistola ad Custodes II. |
| *EpFid I* | Epistola ad Fideles I. |
| *EpFid II* | Epistola ad Fideles II. |
| *EpLeo* | Epostola ad fratrem Leonem. |
| *EpMin* | Epistola ad Ministrum. |
| *EpOrd* | Epistola toti Ordini missa. |
| *EpRect* | Epistola ad populorum rectores. |
| *ExhLD* | Exhortatio ad Laudem Dei. |
| *ExpPat* | Expositio in Pater noster. |
| *FormViv* | Forma vivendi sanctae Clarae data. |
| *Fragm* | Fragmenta alterius RegulaeNB. |
| *LaudHor* | Laudes ad omnes horas dicendae. |
| *OffPass* | Officium Passionis Domini. |
| *OrCruc* | Oratio ante crucifixum. |
| *RegB* | Regula bullata. |
| *RegNB* | Regula non bullata. |
| *RegEr* | Regula pro eremitoriis data. |
| *SalBMV* | Salutatio beatae Mariae Virginis. |
| *SalVirt* | Salutatio virtutum. |
| *Test* | Testamentum. |
| *UltVol* | Ultima voluntas S. Clarae scripta. |

**Fonti ta' S. Franċisk**

| | |
|---|---|
| *1C* | Tommaso da Celano, *Vita Sancti Francisci.* |
| *LCh* | Celano, *Legenda ad usum chori.* |
| *2C* | Celano, *Memoriale in Desiderio Animae.* |
| *3C* | Celano, *Tractatus de Miraculis S. Francisci.* |
| *LJS* | Julian of Speyer, *Vita Sancti Francisci.* |
| *OR* | *Officium Rhythmicum S. Francisci.* |
| *AP* | *Anonimo Perugino.* |
| *L3C* | *Leggenda dei Tre Compagni.* |
| *CA* | *Compilatio Assisiensis.* |
| *LM* | S. Bonaventura, *Legenda Maior S. Francisci.* |
| *LMin* | S. Bonaventura, *Legenda minor S. Francisci.* |
| *SP* | *Speculum Perfectionis.* |
| *SC* | *Sacrum Commercium S. Francisci.* |
| *ABF* | *Actus Beati Francisci et Sociorum Eius.* |
| *Fior* | *Fioretti di San Francesco.* |

**Kitbiet u Fonti ta' S. Klara**

| | |
|---|---|
| *BenCl* | Barka ta' S. Klara. |
| *EpAgn I-IV* | Ittri lil S. Agnese ta' Praga. |
| *LegCl* | *Legenda Sanctae Clarae Virginis.* |
| *PrivPaup* | *Privilegium Paupertatis.* |
| *ProcCan* | *Processo di Canonizzazzione.* |
| *RegCl* | Regola ta' S. Klara. |
| *TestCl* | Testment ta' S. Klara. |